2024/2151

21.8.2024

Protokoll (2024-2029) li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde [1] ("il-Ftehim").

Barra minn hekk, għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) l-Unjoni Ewropea, preċedentement magħrufa bħala l-Komunità Ewropea: minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Unjoni";

b) ir-Repubblika ta' Cabo Verde: minn hawn 'il quddiem imsejħa "Cabo Verde";

minn hawn 'il quddiem imsejħin flimkien "il-Partijiet";

c) "żona tas-sajd ta' Cabo Verde" tfisser l-ilmijiet ta' Cabo Verde li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistgħu jaċċessaw biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom;

d) "qabdiet" tfisser speċijiet akkwatiċi tal-baħar maqbuda minn irkaptu tas-sajd kalat minn bastiment tas-sajd;

e) "żbark" tfisser il-ħatt l-art ta' kwalunkwe kwantità ta' prodotti tas-sajd minn abbord bastiment tas-sajd;

f) "delegazzjoni" tfisser id-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'Cabo Verde;

g) "liċenzja tas-sajd" tfisser id-dritt jew il-liċenzja biex jiġu eżerċitati l-attivitajiet tas-sajd, għal ċerti speċijiet, b'ċertu rkaptu tas-sajd, ġewwa ż-żoni tas-sajd speċifikati u matul perjodu speċifiku; ekwivalenti għat-termini "tal-awtorizzazzjoni tas-sajd" fid-dritt tal-Unjoni;

h) "sajd sostenibbli" tfisser sajd f'konformità mal-objettivi u mal-prinċipji minquxa fil-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli adottat fil-Konferenza tal-FAO fl-1995;

i) "bastiment tal-Unjoni": bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

j) "sajjied" tfisser kwalunkwe persuna impjegata jew involuta fi kwalunkwe kapaċità jew involuta f'attività professjonali abbord bastiment tas-sajd, inklużi l-persuni li jaħdmu abbord li jitħallsu fuq bażi ta' ishma, għajr għall-bdoti, l-ekwipaġġi tal-flotta tal-gwerra, persuni oħra fis-servizz tal-gvern permanenti, il-persuni bbażati fuq l-art li jwettqu xogħol abbord bastiment tas-sajd u l-osservaturi tas-sajd. Il-baħrin tal-AKP kif definiti fil-Ftehim għandhom jinftiehmu bħala sajjieda skont it-tifsira ta' din id-definizzjoni;

k) "operatur" tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li topera jew li tikkontrolla kwalunkwe impriża li twettaq kwalunkwe waħda mill-attivitajiet relatati ma' kwalunkwe stadju tal-ktajjen ta' produzzjoni, ta' proċessar, ta' kummerċjalizzazzjoni, ta' distribuzzjoni jew bejgħ bl-imnut tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

l) "Protokoll" tfisser dan il-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim, kif ukoll l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu;

m) "ċirkostanzi mhux normali" tfisser ċirkostanzi għajr il-fenomeni naturali li ma humiex fil-kontroll raġonevoli ta' waħda mill-Partijiet, b'tali mod li jtellfu l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' Cabo Verde;

n) "opportunitajiet tas-sajd" tfisser id-dritt għas-sajd ikkwantifikat u espress f'termini ta' qabdiet jew f'għadd ta' bastimenti;

o) "bastiment ta' appoġġ" tfisser kwalunkwe bastiment tal-Unjoni, għajr il-bastiment li jinġarr abbord, li jiffaċilita, jassisti jew iħejji l-operazzjonijiet tas-sajd, ma jkunx mgħammar għall-qbid tal-ħut u ma jintużax għall-operazzjonijiet ta' trażbord;

p) "prodotti tas-sajd" tfisser organiżmi akkwatiċi li jirriżultaw minn attività tas-sajd;

[1] ĠU UE L 414, 30.12.2006, p. 3; Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika ta' Cabo Verde, Serje I, Nru 12 tas-26 ta' Marzu 2007.

q) "prodotti tal-akkwakultura" tfisser organiżmi akkwatiċi li jirriżultaw minn attività tal-akkwakultura, irrispettivament mill-istadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, jew mill-prodotti tagħhom;

r) "settur tas-sajd" tfisser is-settur tal-ekonomija li jinkludi l-attivitajiet kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Artikolu 2

Prinċipji

1. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu s-sajd responsabbli fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde fuq il-bażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. Cabo Verde għandu jintrabat li japplika l-istess miżuri tekniċi u ta' konservazzjoni għall-flotot industrijali kollha li jistadu għat-tonn fiż-żona tas-sajd tiegħu bil-għan li jikkontribwixxi għall-governanza t-tajba tas-sajd.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw li l-Ftehim jiġi implimentat skont l-Artikoli 8 u 9 tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, il-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra [2] ("il-Ftehim ta' Samoa"), fir-rigward tal-elementi essenzjali marbutin mad-drittijiet tal-bniedem, mal-prinċipji demokratiċi u mal-Istat tad-dritt u dwar l-elementi fundamentali li jirrigwardaw il-governanza tajba, l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni ambjentali b'saħħitha.

3. Il-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol tas-sajjieda imbarkati fuq il-bastimenti tal-Unjoni ma għandhomx ikunu f'kunflitt mal-istrumenti applikabbli għas-sajjieda tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-xogħol (ILO) u tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), b'mod partikolari d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-xogħol (1998), kif emendata fl-2022, u l-Konvenzjoni Nru 188 tal-ILO dwar ix-xogħol tas-sajd. Dan jinkludi b'mod partikolari l-ħarsien tal-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv tal-ħaddiema, l-eliminazzjoni tax-xogħol furzat u tat-tħaddim tat-tfal, l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u tax-xogħol, kif ukoll ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa u kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol deċenti abbord il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni.

4. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu r-ratifika tal-konvenzjonijiet tal-ILO u tal-IMO applikabbli għas-sajjieda. Huma jintrabtu wkoll li jippromwovu taħriġ adegwat għas-sajjieda, b'mod partikolari dak previst fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-IMO dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (STCW-F).

5. Il-Partijiet jintrabtu li jippubblikaw u jiskambjaw l-informazzjoni dwar kull ftehim li jippermetti li l-bastimenti barranin jidħlu fiż-żona tas-sajd u dwar l-isforz tas-sajd li jirriżulta, b'mod partikolari l-għadd ta' liċenzji li jinħarġu u l-qabdiet li jkunu saru, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14.

6. Skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim, il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde biss jekk ikollhom liċenzja tas-sajd maħruġa minn Cabo Verde f'konformità ma' dan il-Protokoll.

7. L-awtoritajiet ta' Cabo Verde għandhom jiżguraw li s-sajjieda ta' Cabo Verde jkollhom esklużività fiż-żoni tas-sajd li jinsabu 'l isfel mil-limiti stabbiliti f'dan il-Protokoll.

Artikolu 3

Perjodu ta' applikazzjoni

Dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom japplikaw għal perjodu ta' ħames snin li jibda mill-ewwel jum tal-applikazzjoni provviżorja skont l-Artikolu 17, sakemm ma tingħatax notifika ta' terminazzjoni taħt l-Artikolu 16.

Artikolu 4

Opportunitajiet tas-sajd

1. Cabo Verde joħroġ awtorizzazzjonijiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Ftehim fil-limiti li ġejjin:

a) il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża: 24 bastiment;

[2] ĠU UE L, 2023/2862, 28.12.2023, ELI: ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2023/2862/oj.

b) il-bastimenti tat-tonn bil-qasab u x-xlief: 10 bastimenti;

c) il-bastimenti tas-sajd li jistadu bil-konz tal-wiċċ: 22 bastiment.

Dawn l-opportunitajiet tas-sajd jirrigwardaw is-sajd għall-ispeċijiet migratorji ħafna elenkati fl-Anness I tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, fil-limiti stabbiliti fl-Appendiċi 2 ta' dan il-Protokoll u bl-eċċezzjoni tal-ispeċijiet li huma protetti jew ipprojbiti fil-qafas tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) jew ta' konvenzjonijiet internazzjonali oħrajn.

2. Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, il-Partijiet għandhom jintrabtu li jikkooperaw fit-tnaqqis tal-qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet protetti ta' għasafar tal-baħar, ta' fkieren tal-baħar, ta' klieb il-baħar u ta' mammiferi tal-baħar. Għal dak il-għan il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jiżguraw l-applikazzjoni ta' miżuri tekniċi ppruvati xjentifikament biex itejbu s-selettività tal-irkaptu tas-sajd u biex inaqqsu l-qbid inċidentali ta' speċijiet mhux fil-mira.

3. L-aċċess għas-sajd bil-lixka ħajja huwa awtorizzat għall-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief tal-Unjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

4. Il-paragrafu 1 għandu japplika soġġett għall-Artikoli 7 u 9.

Artikolu 5

Kontribuzzjoni finanzjarja

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali msemmija fl-Artikolu 7 tal-Ftehim, għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 3, għandha tkun ta' EUR 3 900 000. Barra minn hekk, għandha titħallas kontribuzzjoni finanzjarja mis-sidien tal-bastimenti kif previst fl-Anness.

2. Dik il-kontribuzzjoni finanzjarja totali għandha tinkludi:

a) ammont annwali ta' EUR 350 000, ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza għall-ispeċijiet kollha ta' 7 000 tunnellata fis-sena għall-aċċess għall-ilmijiet u għar-riżorsi tas-sajd ta' Cabo Verde;

b) ammont speċifiku ta' EUR 430 000 fis-sena, bħala appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd ta' Cabo Verde u għall-implimentazzjoni tagħha.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2, il-punt a), ta' dan l-Artikolu għandha titħallas kull sena f'konformità għal dan il-Protokoll u soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll, fil-każ ta' bidla fl-ammont tal-kontribuzzjoni bħala riżultat tal-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 9, 12 u 16 ta' dan il-Protokoll, u l-Artikoli 7, 12 u 13 tal-Ftehim.

4. Jekk il-kwantità totali tal-qabdiet mill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd taqbeż it-tunnellaġġ ta' referenza stabbilit fil-paragrafu 2, il-punt a), l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja stabbilit f'dik id-dispożizzjoni għandu jiżdied b'EUR 50 għal kull tunnellata addizzjonali maqbuda. Madankollu, l-ammont totali annwali mħallas mill-Unjoni ma għandux ikun aktar mid-doppju tal-ammont indikat fil-paragrafu 2, il-punt a). Meta l-kwantitajiet maqbudin mill-bastimenti tal-Unjoni jaqbżu l-kwantitajiet li jikkorrispondu għad-doppju tal-ammont totali annwali, l-ammont dovut għall-kwantità li taqbeż dak il-limitu għandu jitħallas is-sena ta' wara.

5. Il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja stabbilita fil-paragrafu 2, il-punt a), għandu jsir mhux aktar tard minn 90 jum wara d-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll fl-ewwel sena u mhux aktar tard mid-data tal-anniversarju ta' dan il-Protokoll fis-snin ta' wara.

6. L-awtoritajiet ta' Cabo Verde għandhom diskrezzjoni sħiħa fir-rigward tal-użu li jsir mill-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2, il-punt a).

7. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji previsti fil-paragrafu 2, il-punti a) u b), għandhom jitħallsu f'kontijiet tat-Teżor Pubbliku ta' Cabo Verde. Dawn għandhom jiddaħħlu fil-baġit nazzjonali. Kull sena, l-awtoritajiet ta' Cabo Verde għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea bin-numri tal-kontijiet bankarji rilevanti.

Artikolu 6

Appoġġ settorjali

1. L-appoġġ settorjali mogħti fil-kuntest ta' dan il-Protokoll għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali għas-sajd u għall-ekonomija blu. L-objettiv tiegħu hu li jkun hemm ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u li jiġi żviluppat is-settur, l-iktar permezz tal-affarijiet li ġejjin:

a) it-tisħiħ tal-monitoraġġ, tal-kontroll u tas-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd;

b) it-tisħiħ tal-għarfien xjentifiku dwar ir-riżorsi tas-sajd;

c) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' kontroll tas-saħħa għall-prodotti tas-sajd;

d) l-appoġġ għall-komunitajiet kostali (attivitajiet tas-sajd, taħriġ, impjieg, sikurezza tas-sajjieda u żvilupp ekonomiku) b'attenzjoni partikolari għall-azzjonijiet indirizzati lejn in-nisa u ż-żgħażagħ;

e) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali;

f) l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura;

g) l-appoġġ għall-ekonomija blu.

2. Sa mhux aktar tard minn 3 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jiftiehmu fi ħdan il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 9 tal-Ftehim, (il-"Kumitat Konġunt"), dwar Programm Settorjali Pluriennali, u l-arranġamenti tal-applikazzjoni tiegħu, b'mod partikolari:

a) l-linji gwida annwali u pluriennali għall-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt b), ta' dan il-Protokoll;

b) l-għanijiet annwali u pluriennali li għandhom jintlaħqu sabiex biż-żmien ikun hemm sajd sostenibbli u responsabbli, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet ta' Cabo Verde fil-politika nazzjonali tas-sajd tiegħu u f'politiki oħrajn li għandhom rabta ma', jew li jkollhom impatt fuq, l-introduzzjoni ta' sajd responsabbli u sostenibbli;

c) il-kriterji u l-proċeduri li għandhom jintużaw biex jiġu evalwati r-riżultati miksubin fuq bażi annwali.

3. L-ammont speċifiku tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali msemmi fl-Artikolu 5(2), il-punt b), għandu jitħallas kull sena skont il-progress miksub.

4. Għall-ewwel sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha ssir fuq il-bażi tal-programmazzjoni pluriennali maqbula mill-Kumitat Konġunt. Il-ħlas mill-Unjoni ta' dik il-kontribuzzjoni finanzjarja jista' jsir biss wara li Cabo Verde jkun issodisfa l-obbligi tiegħu relatati mal-appoġġ settorjali skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde (2019-2024) ([3]) (il-"Protokoll 2019-2024) u wara li l-Unjoni tkun għamlet il-pagamenti rilevanti relatati mal-appoġġ settorjali dovut skont il-Protokoll ta' qabel.

5. Għas-snin ta' applikazzjoni li jmiss ta' dan il-Protokoll, il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha titħallas abbażi tar-riżultati miksuba fl-implimentazzjoni tal-programm settorjali f'konformità mal-kriterji u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 2, il-punt c), u tal-azzjonijiet ta' viżibbiltà fuq il-proġetti mwettqa. Il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jsir mhux aktar tard minn 45 jum wara d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar ir-riżultati miksubin.

6. Fid-dawl tad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali skont il-Protokoll 2019-2024, b'mod partikolari minħabba l-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, huwa xieraq li l-perjodu previst fl-Artikolu 5(7), tal-Protokoll 2019-2024 jiġi estiż b'6 xhur oħra. Minħabba f'hekk, il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fl-Artikolu 4(2), il-punt b), tal-Protokoll 2019-2024 ma għandux isir wara perjodu ta' 12-il xahar minn meta jiskadi dan il-Protokoll ([4]).

7. Kull emenda tal-programm settorjali annwali jew pluriennali li tiġi proposta għandha tiġi approvata mill-Kumitat Konġunt, fejn meħtieġ permezz ta' skambju ta' ittri.

8. Kull sena, Cabo Verde għandu jippreżenta rapport lill-Kumitat Konġunt dwar il-progress li jkun sar fil-proġetti implimentati permezz tal-appoġġ settorjali. Il-Kumitat Konġunt għandu jeżamina dan ir-rapport u jevalwa r-riżultati miksubin.

9. Il-pagament tal-appoġġ settorjali għandu jsir f'sensiela ta' ħlasijiet parzjali skont il-bżonnijiet identifikati matul l-ipprogrammar u r-riżultati miksubin.

([3]) ĠU UE L 154, 12.6.2019, p. 3.

([4]) Skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 2019-2024, dak il-Protokoll skada fid-19 ta' Mejju 2024. Għalhekk, l-iskadenza għall-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fl-Artikolu 4(2), il-punt b), ta' dak il-Protokoll hija t-18 ta' Mejju 2025.

10. L-Unjoni tista' tirrevedi jew tissospendi, parzjalment jew bis-sħiħ, il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fl-Artikolu 5(2), il-punt b), f'każ ta' nuqqas tal-implimentazzjoni tagħha jew f'każ li r-riżultati miksubin ma jkunux konsistenti mal-ipprogrammar, wara evalwazzjoni mwettqa mill-Kumitat Konġunt.

11. Il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jibda mill-ġdid wara konsultazzjoni bejn iż-żewġ Partijiet u ftehim bejniethom, meta r-riżultati tal-implimentazzjoni jiġġustifikaw dan. Madankollu, ilkontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fl-Artikolu 5(2), il-punt b), ma għandhiex issir wara perjodu ta' 6 xhur minn meta jiskadi dan il-Protokoll.

12. Il-Partijiet għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-appoġġ settorjali. Kull sena, Cabo Verde għandu jippreżenta rapport lill-Kumitat Konġunt dwar dawn l-azzjonijiet ta' viżibbiltà.

13. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 8, u l-azzjonijiet ta' viżibbiltà msemmija fil-paragrafu 12 huma kundizzjonijiet essenzjali biex l-Unjoni tagħmel il-ħlasijiet parzjali li jkun imiss tal-appoġġ finanzjarju msemmi fil-paragrafu 5.

14. Il-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fl-Artikolu 5(2), il-punt b), għandha tkun soġġetta għar-regoli u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi ta' Cabo Verde. Din għandha tqis il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari l-prinċipji tal-ekonomija, tal-effiċjenza u tal-effettività, filwaqt li jitħarsu, b'mod partikolari, il-prinċipji tat-trasparenza, tal-proporzjonalità, tan-nondiskriminazzjoni u tat-trattament ugwali.

15. L-azzjonijiet u l-proġetti ffinanzjati mill-appoġġ settorjali jistgħu jiġu awditjati mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u investigati mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.

Artikolu 7

Kooperazzjoni xjentifika dwar is-sajd sostenibbli

1. Matul il-perjodu kopert minn dan il-Protokoll, l-Unjoni u l-awtoritajiet ta' Cabo Verde għandhom jimmonitorjaw l-evoluzzjoni tal-qabdiet, tal-isforz tas-sajd u tal-istat tar-riżorsi fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde għall-ispeċijiet kollha tal-ħut li dan il-Protokoll ikopri. B'mod partikolari, il-Partijiet jaqblu li jsaħħu l-ġbir u l-analiżi tad-*data*, sabiex ikun jista' jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tal-klieb il-baħar.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-ICCAT marbutin mal-ġestjoni sostenibbli tas-sajd.

3. F'konformità mal-Artikolu 4 tal-Ftehim, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet u tar-riżoluzzjonijiet adottati mill-ICCAT u fid-dawl tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, il-Partijiet jistgħu jiftiehmu bejniethom li jorganizzaw laqgħa xjentifika konġunta biex jirrevedu l-istat tal-ispeċijiet ewlenin li l-bastimenti tal-Unjoni jkunu qed jistadu għalihom, b'mod partikolari l-klieb il-baħar pelaġiċi. Ir-riżultati tal-laqgħa xjentifika għandhom jitressqu lill-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt għandu, meta jkun xieraq, jadotta miżuri addizzjonali maħsubin biex jiżguraw li jkun hemm ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd maqbudin mill-bastimenti tal-Unjoni.

4. Minħabba l-fatt li l-klieb il-baħar pelaġiċi jistgħu jkunu fost l-ispeċijiet li jinqabdu mill-bastimenti tal-Unjoni b'rabta mas-sajd għat-tonn, u minħabba li dawn huma speċijiet vulnerabbli, hekk kif espress mill-pariri xjentifiċi tal-ICCAT, kull qabda ta' dawn l-ispeċijiet mill-bastimenti tas-sajd bil-konz li jkunu qed jistadu skont dan il-Protokoll tenħtieġ attenzjoni speċjali abbażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni. Iż-żewġ Partijiet għandhom jikkooperaw bejniethom sabiex itejbu d-disponibbiltà u l-monitoraġġ tad-*data* xjentifika marbuta mal-ispeċijiet mistada.

5. Għal dan il-għan, iż-żewġ Partijiet għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu għall-monitoraġġ strett ta' dan it-tip ta' sajd sabiex jiżguraw l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsa. Dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandu jissejjes b'mod partikolari fuq skambju, kull 3 xhur, ta' *data* dwar il-qabdiet tal-klieb il-baħar. Jekk, matul sena waħda, dawn il-qabdiet ikunu jaqbżu l-20 % tat-tunnellaġġ ta' referenza msemmi fl-Artikolu 5(2), il-punt a), għandu jiġi stabbilit monitoraġġ imsaħħaħ abbażi tal-iskambju ta' *data* u konsultazzjoni kull xahar bejn il-Partijiet. Jekk, matul sena waħda, il-qabdiet jilħqu l-30 % tat-tunnellaġġ ta' referenza msemmi hawn fuq, il-Kumitat Konġunt għandu, fejn ikun hemm bżonn, jadotta miżuri addizzjonali ta' ġestjoni li jistabbilixxu qafas aktar adegwat għall-attivitajiet tal-flotta tal-bastimenti tas-sajd bil-konz.

6. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jaġġusta l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi hawn fuq abbażi tar-riżultati tal-ħidma tal-laqgħa xjentifika konġunta.

Artikolu 8

Kooperazzjoni fil-qasam tal-monitoraġġ, tal-kontroll u tas-sorveljanza u fil-ġlieda kontra s-sajd IUU

1. Il-Partijiet jintrabtu li jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (sajd IUU) sabiex ikun jista' jsir sajd sostenibbli.

2. Abbażi ta' konsultazzjoni fil-Kumitat Konġunt, il-Partijiet jistgħu jaqblu li jikkooperaw u li jwettqu programmi ta' spezzjoni konġunta fuq il-bastimenti tal-Unjoni bbażati fuq ir-riskju, sabiex isaħħu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd stabbiliti f'dan il-Protokoll u l-miżuri korrettivi relatati magħhom.

Artikolu 9

Reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd u ta' miżuri tekniċi bi qbil komuni

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jirrevedi l-opportunitajiet tas-sajd imsemmijin fl-Artikolu 4 u jaġġustahom bi ftehim reċiproku sa fejn ir-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-ICCAT jikkonfermaw li l-aġġustament jiggarantixxi l-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet tal-ħut koperti minn dan il-Protokoll. F'dan il-każ, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt a), għandha tiġi aġġustata b'mod proporzjonat u *pro rata temporis* u dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom jiġu emendati kif meħtieġ. Jekk ikun meħtieġ, Cabo Verde għandu jrodd lura s-somom li jkunu ngħataw b'mod eċċessiv.

2. Il-Kumitat Konġunt jista', fejn meħtieġ, jeżamina u jadatta d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd u l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali previsti f'dan il-Protokoll, bi ftehim reċiproku.

Artikolu 10

Promozzjoni tal-kooperazzjoni fost l-operaturi ekonomiċi

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bejniethom sabiex itejbu l-opportunitajiet għall-iżbark fil-portijiet ta' Cabo Verde.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet adattati għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-intrapriżi tagħhom fl-oqsma tekniċi, ekonomiċi u kummerċjali, billi jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp tan-negozju u tal-investiment.

Artikolu 11

Kooperazzjoni fil-qasam tal-ekonomija blu

1. Il-Partijiet jintrabtu li jikkooperaw bejniethom sabiex jippromwovu l-ekonomija blu, b'mod partikolari fl-oqsma tal-akkwakultura, tal-ippjanar tat-territorji marittimi, tal-enerġija, tal-bijoteknoloġiji tal-baħar u tal-ħarsien tal-ekosistemi tal-baħar.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu l-investimenti fis-settur tas-sajd u tal-ekonomija marittima, skont l-għanijiet tas-Sħubija speċjali bejn Cabo Verde u l-Unjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bejniethom sabiex iżidu l-għarfien fost l-operaturi tas-settur privat tal-Unjoni dwar l-opportunitajiet kummerċjali u industrijali li jeżistu fis-settur tas-sajd u fl-ekonomija marittima ta' Cabo Verde.

4. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bejniethom sabiex jiżviluppaw azzjonijiet konġunti u sabiex jiskambjaw l-informazzjoni u l-aħjar prattiki bejniethom. Għal dan il-għan, huma għandhom jiftiehmu dwar il-punti fokali u l-arranġamenti għall-komunikazzjoni.

Artikolu 12

Sospensjoni tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, inkluż il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja, tista' tiġi sospiża fuq inizjattiva ta' waħda mill-Partijiet jekk waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu applikabbli f'każ ta':

a) forza maġġuri jew ċirkustanzi mhux mistennija, li minħabba fihom ma jkunux jistgħu jitwettqu l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde;

b) tibdil sinifikanti fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika tas-sajd ta' waħda mill-Partijiet li jaffettwa lil dan il-Protokoll;

c) jekk jiġu attivati l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni previsti fl-Artikolu 101 tal-Ftehim ta' Samoa minħabba ksur tal-elementi essenzjali u fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem u ta' prinċipji demokratiċi kif iddefiniti fl-Artikolu 9 ta' dak il-Ftehim;

d) inadempjenza fil-pagament dovut mill-Unjoni, għal raġunijiet għajr dawk previsti fl-Artikoli 5, 7, 9, 12 u 16 ta' dan il-Protokoll;

e) jekk ikun hemm tilwima serja u mhux solvuta bejn iż-żewġ Partijiet dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Protokoll.

2. Meta l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll tiġi sospiża għal raġunijiet oħrajn minbarra dawk imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt c), il-Parti kkonċernata għandha tinnotifika bil-miktub l-intenzjoni tagħha mill-inqas 3 xhur qabel id-data li fiha s-sospensjoni tkun se tidħol fis-seħħ. Is-sospensjoni ta' dan il-Protokoll għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafu 1, il-punt c), għandha tapplika minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' sospensjoni.

3. F'każ ta' sospensjoni, il-Partijiet għandhom ikomplu għaddejjin bil-konsultazzjonijiet sabiex isibu soluzzjoni amikevoli għat-tilwim ta' bejniethom. Meta tinkiseb din ir-riżoluzzjoni, l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għandha terġa' tibda.

4. F'każ ta' sospensjoni, il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll għas-sena meta tidħol fis-seħħ is-sospensjoni għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat u *pro rata temporis*. Jekk ikun meħtieġ, Cabo Verde għandu jrodd lura s-somom li jkunu ngħataw b'mod eċċessiv.

Artikolu 13

Skambju elettroniku tad-data

1. Cabo Verde u l-Unjoni għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ sistemi għall-monitoraġġ u għall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni u tad-dokumenti kollha relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll fir-rigward tal-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni, kif huwa indikat fl-anness.

2. Il-forma elettronika ta' dokument titqies bħala ekwivalenti f'kollox għall-verżjoni stampata tiegħu.

3. Cabo Verde u l-Unjoni għandhom jgħarrfu minnufih lil xulxin b'kull ħsara fis-sistema kompjuterizzata. Konsegwentement, l-informazzjoni u d-dokumenti marbutin mal-implimentazzjoni tal-Ftehim għandhom jintbagħtu awtomatikament b'mod ieħor ta' komunikazzjoni.

4. L-Unjoni għandha tiżgura t-trażmissjoni regolari mill-bastiment tal-Unjoni lil Cabo Verde ta':

a) id-*data* tal-pożizzjonijiet tal-bastimenti fiż-żona ekonomika esklussiva (ŻEE) ta' Cabo Verde;

b) l-informazzjoni dwar il-qabdiet ta' kuljum imwettqa mill-bastimenti fiż-ŻEE ta' Cabo Verde;

c) in-notifiki tad-dħul tal-bastimenti fiż-ŻEE ta' Cabo Verde;

d) in-notifiki tal-ħruġ tal-bastimenti fiż-ŻEE ta' Cabo Verde;

e) in-notifiki minn qabel tat-trażbord u tad-dikjarazzjonijiet tat-trażbord minn bastimenti tal-Unjoni f'port ta' Cabo Verde;

f) in-notifiki minn qabel tar-ritorn lejn il-port u tad-dikjarazzjonijiet tal-iżbark tal-bastimenti, f'port ta' Cabo Verde.

L-arranġamenti tat-trażmissjoni tad-*data*, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità tan-negozju, huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 14

Protezzjoni tad-data

1. Cabo Verde u l-Unjoni għandhom jiżguraw li d-*data* skambjata skont il-Ftehim tintuża mill-awtorità kompetenti esklużivament għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd u, b'mod partikolari, għall-finijiet ta' ġestjoni u għall-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw li d-*data* kollha kummerċjalment sensittiva u personali relatata mal-bastimenti tal-Unjoni u mal-attivitajiet tas-sajd tagħhom miksuba skont il-Ftehim dwar is-Sajd, kif ukoll l-informazzjoni kummerċjali sensittiva kollha relatata mas-sistemi ta' komunikazzjoni użati mill-Unjoni, jiġu ttrattati bħala kunfidenzjali. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li tiġi ppubblikata biss id-*data* aggregata dwar l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd.

3. Id-*data* personali għandha tiġi pproċessata b'mod legali, ġust u trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-*data*.

4. Id-*data* personali skambjata skont il-Ftehim għandha tiġi pproċessata f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 6 tal-Anness ta' dan il-Protokoll. Aktar salvagwardji u rimedji fir-rigward tad-*data* personali u tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kumitat Konġunt.

5. Id-*data* skambjata skont il-Ftehim għandha tkompli tiġi pproċessata f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Appendiċi 6 tal-Anness ta' dan il-Protokoll, anke wara l-iskadenza ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 15

Dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi nazzjonali

1. L-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni li jkunu qed joperaw fl-ilmijiet ta' Cabo Verde skont dan il-Protokoll għandhom ikunu regolati mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ f'Cabo Verde, b'mod partikolari l-pjan ta' ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd ta' Cabo Verde, sakemm il-Ftehim jew dan il-Protokoll, u l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu, ma jipprevedux mod ieħor.

2. L-awtoritajiet ta' Cabo Verde għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni Ewropea b'kull bidla jew b'kull leġiżlazzjoni ġdida li taffettwa s-settur tas-sajd.

Artikolu 16

Terminazzjoni

1. Dan il-Protokoll jista' jiġi tterminat minn xi waħda mill-Partijiet, fil-każ ta' ċirkostanzi mhux tas-soltu bħad-degradazzjoni tal-istokkijiet ikkonċernati, is-sejbien ta' livell ridott tal-isfruttar tal-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-Unjoni, jew in-nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-Partijiet fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd IUU.

2. Fil-każ ta' terminazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Parti kkonċernata għandha tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li ttemm il-Protokoll tal-anqas 6 xhur qabel id-data li fiha sseħħ it-terminazzjoni.

3. It-trażmissjoni tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2 għandha tagħti bidu għall-konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet.

4. Il-pagament tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt a), għas-sena meta tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat u *pro rata temporis*. Jekk ikun meħtieġ, Cabo Verde għandu jrodd lura s-somom li jkunu ngħataw b'mod eċċessiv.

Artikolu 17

Applikazzjoni provviżorja

Dan il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju mill-20 ta' Mejju 2024 dment li jiġi ffirmat mill-Partijiet, jew mid-data tal-iffirmar tiegħu jekk jiġi ffirmat wara l-20 ta' Mejju 2024.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri meħtieġa għal dan l-għan ikunu tlestew.

2. In-notifika prevista fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat, f'dak li jirrigwarda lill-Unjoni, lill-awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 19

Testi awtentiċi

Dan il-Protokoll għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

Съставено в Брюксел на двадесет и трети юли две хиляди двадесет и четвърта година.

Hecho en Bruselas, el veintitrés de julio de dos mil veinticuatro.

V Bruselu dne dvacátého třetího července dva tisíce dvacet čtyři.

Udfærdiget i Bruxelles den treogtyvende juli to tusind og fireogtyve.

Geschehen zu Brüssel am dreiundzwanzigsten Juli zweitausendvierundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne neljanda aasta juulikuu kahekümne kolmandal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι τρεις Ιουλίου δύο χιλιάδες είκοσι τέσσερα.

Done at Brussels on the twenty-third day of July in the year two thousand and twenty four.

Fait à Bruxelles, le vingt-trois juillet deux mille vingt-quatre.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an tríú lá is fiche d'Iúil sa bhliain dhá mhíle fiche a ceathair.

Sastavljeno u Bruxellesu dvadeset trećeg srpnja godine dvije tisuće dvadeset četvrte.

Fatto a Bruxelles, addì ventitré luglio duemilaventiquattro.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit ceturtā gada divdesmit trešajā jūlijā.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt ketvirtų metų liepos dvidešimt trečią dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonnegyedik év július havának huszonharmadik napján.

Magħmul fi Brussell, fit-tlieta u għoxrin jum ta' Lulju fis-sena elfejn u erbgħa u għoxrin.

Gedaan te Brussel, drieëntwintig juli tweeduizend vierentwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego trzeciego lipca roku dwa tysiące dwudziestego czwartego.

Feito em Bruxelas, em vinte e três de julho de dois mil e vinte e quatro.

Întocmit la Bruxelles la douăzeci și trei iulie două mii douăzeci și patru.


V Bruseli dvadsiateho tretieho júla dvetisícdvadsaťštyri.

V Bruslju, triindvajsetega julija dva tisoč štiriindvajset.

Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenäkolmantena päivänä heinäkuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäneljä.

Som skedde i Bryssel den tjugotredje juli år tjugohundratjugofyra.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



За Република Кабо Верде
Por la República de Cabo Verde
Za Kapverdskou republiku
For Republikken Kap Verde
Für die Republik Cabo Verde
Cabo Verde Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία του Πράσινου Ακρωτηρίου
For the Republic of Cabo Verde
Pour la République de Cabo Verde
Thar ceann Phoblacht Cabo Verde
Za Republiku Cabo Verde
Per la Repubblica del Capo Verde
Kaboverdes Republikas vārdā –
Žaliojo Kyšulio Respublikos vardu
A Zöld-foki Köztársaság részéről
Għar-Repubblika ta' Cabo Verde
Voor de Republiek Kaapverdië
W imieniu Republiki Zielonego Przylądka
Pela República de Cabo Verde
Pentru Republica Cabo Verde
Za Kapverdskú republiku
Za Republiko Zelenortski otoki
Kap Verden tasavallan puolesta
För Republiken Kap Verde



ANNESS

KUNDIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW L-ATTIVITAJIET TAS-SAJD TAL-BASTIMENTI TAL-UNJONI FIŻ-ŻONA TAS-SAJD TA' CABO VERDE

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Għażla tal-awtorità kompetenti

Għall-finijiet ta' dan l-Anness u sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, kull referenza għall-Unjoni jew għal Cabo Verde bħala awtorità kompetenti għandha tfisser:

a) għall-Unjoni: il-Kummissjoni Ewropea, jekk ikun hemm bżonn permezz tad-delegazzjoni tal-Unjoni f'Cabo Verde;

b) għal Cabo Verde: il-Ministeru għas-Sajd.

2. Żona tas-sajd

Il-koordinati taż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde huma speċifikati fl-Appendiċi 1. Il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom lil hinn mil-limiti stabbiliti għal kull kategorija fl-Appendiċi 2, waqt li s-sajjieda ta' Cabo Verde jibqa' jkollhom id-dritt esklużiv li jistadu 'l isfel minn dawn il-limiti.

Cabo Verde għandu, meta joħroġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd, jgħarraf lill-operaturi tal-bastiment bil-koordinati ta' kull żona li fiha ma jistax isir tbaħħir u sajd. Huwa għandu jgħarraf ukoll lill-Unjoni b'dan.

3. Ħatra ta' aġent lokali

Kull bastiment tal-Unjoni li jkun beħsiebu jiżbarka l-ħut jew jittrażbordah f'port ta' Cabo Verde jista' jiġi rrappreżentat minn aġent li jkun residenti f'Cabo Verde.

4. Kont bankarju

Qabel ma jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll, Cabo Verde għandu jibgħat lill-Unjoni d-dettalji tal-kont jew tal-kontijiet bankarji li fihom se jitħallsu l-ammonti finanzjarji li l-bastimenti tal-Unjoni għandhom iħallsu skont il-Ftehim. Il-kostijiet marbutin mat-trasferimenti bankarji għandhom iħallsuhom l-operaturi.

KAPITOLU II

AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD

TAQSIMA 1

PROĊEDURI APPLIKABBLI

1. Kondizzjoni biex tinkiseb awtorizzazzjoni tas-sajd – bastimenti eliġibbli

L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Ftehim għandhom jinħarġu bil-kundizzjoni li l-bastiment jiddaħħal fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jiġu ttrattati skont ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-flotot tas-sajd esterni. L-obbligi ta' qabel kollha tal-operatur, tal-kaptan jew tal-bastiment innifsu li jkunu ġejjin mill-attivitajiet tas-sajd tagħhom f'Cabo Verde skont il-Ftehim għandhom ikunu sodisfatti qabel dan il-ħruġ.

2. Talba għal awtorizzazzjoni tas-sajd (is-sistema LICENCE)

2.1 L-Unjoni għandha tippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti ta' Cabo Verde applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd għal kull bastiment tal-Unjoni li beħsiebu jistad skont il-Ftehim tal-anqas 15-il jum tax-xogħol qabel il-bidu tal-perjodu ta' validità mitlub.

2.2 It-trażmissjoni elettronika tal-applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-ħruġ tagħhom jistgħu jsiru permezz tas-sistema LICENCE, jiġifieri s-sistema elettronika ta' ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, magħmula disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea. Is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet ta' Cabo Verde biex jiffaċilitaw l-użu progressiv tas-sistema LICENCE. Cabo Verde għandu jgħarraf lill-Kummissjoni Ewropea hekk kif tkun tista' tintuża s-sistema LICENCE.

[1] Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU UE L 347, 28.12.2017, p. 81).

2.3. Sakemm is-sistema LICENCE tkun operattiva u tista' tintuża bis-sħiħ minn Cabo Verde, it-trażmissjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd issir permezz tal-posta elettronika.

2.4 Kull applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għandu jkun fiha l-informazzjoni elenkata fl-Appendiċi 4 u d-dokumenti li ġejjin:

a) prova tal-pagament tal-imposta bil-quddiem għall-perjodu ta' awtorizzazzjoni annwali kkonċernat, u tal-kostijiet assoċjati mal-osservatur imsemmi fil-Kapitolu IX, il-paragrafu 3. Il-ħlas bil-quddiem ma huwiex rimborżabbli, sakemm l-applikazzjoni ma tiġix ikkanċellata qabel ma tinħareġ l-awtorizzazzjoni; f'dan il-każ il-ħlas bil-quddiem jista' jiġi kkreditat lil operatur għal applikazzjoni oħra jew jingħata lura lill-operatur;

b) ritratt diġitali riċenti b'riżoluzzjoni tajba, bil-kulur, tal-bastiment, li jagħti stampa dettaljata tal-ġenb tal-bastiment inkluż l-isem tal-bastiment u n-numru ta' identifikazzjoni viżibbli b'mod ċar fuq il-buq;

c) kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-bandiera.

Meta awtorizzazzjoni tas-sajd tiġġedded skont dan il-Protokoll, l-applikazzjoni għat-tiġdid għandu jkun fiha biss l-informazzjoni prevista fl-Appendiċi 4 u l-prova tal-pagament tal-imposta u tal-kostijiet relatati mal-osservatur.

3. Ħruġ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-awtoritajiet ta' Cabo Verde għandhom joħorġu l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd oriġinali lill-operaturi, jew lill-aġent tagħhom, fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta jirċievu l-applikazzjoni kompluta.

Wara l-ħruġ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd, l-awtoritajiet ta' Cabo Verde għandhom itellgħu minnufih kopja elettronika tal-oriġinal iffirmat fis-sistema LICENCE, meta din tkun operattiva bis-sħiħ, u sadattant jibagħtuha bil-posta elettronika lill-awtoritajiet tal-Unjoni.

Il-bastimenti tal-Unjoni awtorizzati għandhom iżommu abbord l-awtorizzazzjoni tas-sajd oriġinali. Madankollu, verżjoni elettronika tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tista' tintuża għal perjodu massimu ta' 60 jum kalendarju wara d-data tal-ħruġ ta' din l-awtorizzazzjoni tas-sajd. Matul dan il-perjodu, il-kopja għandha titqies li hija ekwivalenti għall-awtorizzazzjoni oriġinali.

4. Ħsarat fis-sistema LICENCE

4.1 Meta jinqalgħu xi diffikultajiet fit-trażmissjoni tal-informazzjoni fis-sistema LICENCE bejn il-Kummissjoni Ewropea u Cabo Verde, l-iskambji elettroniċi tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom isiru bil-posta elettronika sakemm is-sistema terġa' tibda taħdem.

4.2 Wara li s-sistema tiġi stabbilita mill-ġdid, l-informazzjoni tiġi aġġornata fis-sistema LICENCE minn kull Parti.

5. Lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu

Malli joħroġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd, Cabo Verde għandu jistabbilixxi mingħajr dewmien, għal kull kategorija ta' bastimenti, il-lista finali tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde. Din il-lista għandha tintbagħat minnufih lill-korp nazzjonali responsabbli għall-kontroll tas-sajd, u lill-Unjoni. Il-bastimenti jistgħu jibdew jistadu hekk kif jiġu inklużi f'dik il-lista.

6. Durata ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-awtorizzazzjonijiet għas-sajd għandhom perjodu ta' validità ta' sena u jistgħu jiġġeddu.

"Perjodu annwali" għandu jfisser:

a) għall-ewwel sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-perjodu huwa mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena;

b) fis-snin ta' wara, kull sena kalendarja sħiħa;

c) għall-aħħar sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar sad-data tal-iskadenza ta' dan il-Protokoll.

7. Żamma abbord tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-oriġinal, jew kopja, tal-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinżamm abbord għall-perjodu massimu tal-użu msemmi fil-paragrafu 3.

8. Trasferiment tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

8.1 L-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinħareġ għal bastiment speċifiku u ma tistax tiġi ttrasferita. Madankollu, f'każ ta' prova ta' forza maġġuri, bħat-telf ta' bastiment jew in-nuqqas ta' użu fit-tul tiegħu minħabba ħsara teknika gravi, u, fuq talba tal-Unjoni, l-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinbidel b'awtorizzazzjoni ġdida maħruġa f'isem bastiment ieħor li jkun simili għal dak li għandu jinbidel, mingħajr il-ġbir ta' imposti supplimentari.

8.2 It-trasferiment għandu jsir billi l-operatur jew l-aġent tiegħu jagħti lura lil Cabo Verde l-awtorizzazzjoni tas-sajd li għandha tinbidel u billi Cabo Verde jistabbilixxi malajr kemm jista' jkun l-awtorizzazzjoni ta' sostituzzjoni. L-awtorizzazzjoni ta' sostituzzjoni għandha tinħareġ malajr kemm jista' jkun lill-operatur jew lill-aġent tiegħu meta tintbagħat lura l-awtorizzazzjoni li tkun se tiġi ssostitwita. L-awtorizzazzjoni ta' sostituzzjoni tibda tgħodd dakinhar li tingħata lura l-awtorizzazzjoni li għandha tinbidel.

8.3 Il-Partijiet għandhom jaġġornaw l-informazzjoni relatata ma' dan it-trasferiment fis-sistema LICENCE.

8.4 Cabo Verde għandu jaġġorna malajr kemm jista' jkun il-lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu. Il-lista l-ġdida għandha tintbagħat minnufih lill-korp nazzjonali responsabbli għall-kontroll tas-sajd, u lill-Unjoni.

9. Bastimenti ta' appoġġ

Fuq talba tal-Unjoni, u wara analiżi mill-awtoritajiet kompetenti, Cabo Verde għandu jawtorizza lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd sabiex jiġu megħjuna minn bastimenti ta' appoġġ.

Il-bastimenti ta' appoġġ ma jistgħux ikunu mgħammra għas-sajd. Dan l-appoġġ la jista' jinkludi l-provvista tal-fjuwil u lanqas it-trażbord tal-qabdiet.

Il-bastimenti ta' appoġġ għandhom ikunu soġġetti għall-istess proċedura għat-trażmissjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni tas-sajd imsemmija f'dan il-Kapitolu, sa fejn din tkun tapplika għalihom. Cabo Verde għandu jistabbilixxi l-lista tal-bastimenti ta' appoġġ awtorizzati u jibgħatha minnufih lill-Unjoni.

Għandha titħallas imposta annwali ta' EUR 3 500 għal dawn il-bastimenti.

Fil-każ ta' tħassir tal-awtorizzazzjoni tas-sajd għal bastiment ta' appoġġ qabel ma tkun inħarġet il-liċenzja mill-awtoritajiet ta' Cabo Verde, jew qabel ma l-bastiment ikun beda jopera fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde, l-ammont imħallas għandu jiġi rimborżat. Dan jista' wkoll jiġi kkreditat lill-operatur jew lill-assoċjazzjoni tal-produtturi u jintuża għal pagament ieħor.

TAQSIMA 2

IMPOSTI U ĦLASIJIET BIL-QUDDIEM

1. L-imposta mħallsa mill-operaturi hija kif ġej:

a) għall-bastimenti tas-sajd bit-tartaruni: EUR 80 għal kull tunnellata li tinqabad fl-ewwel tliet perjodi annwali ([2]); EUR 85 għal kull tunnellata li tinqabad fl-aħħar tliet perjodi annwali;

b) għall-bastimenti tas-sajd bil-konz u għall-bastimenti bil-qasab u x-xlief: EUR 75 għal kull tunnellata li tinqabad fl-ewwel tliet perjodi annwali ([3]); EUR 80 għal kull tunnellata li tinqabad fl-aħħar tliet perjodi annwali.

2. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jinħarġu wara li jkunu tħallsu lill-awtoritajiet kompetenti ta' Cabo Verde l-imposti b'rata fissa li jridu jitħallsu minn qabel li ġejjin:

a) għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni: EUR 6 800 għal sena kalendarja sħiħa, ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' 85 t fejn tapplika l-imposta ta' EUR 80 għal kull tunnellata, u 80 t fejn tapplika l-imposta ta' EUR 85 għal kull tunnellata;

b) għall-bastimenti bil-qasab u x-xlief: EUR 1 500 għal sena kalendarja sħiħa, ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' 20 t fejn tapplika l-imposta ta' EUR 75 għal kull tunnellata, u 18,75 t fejn tapplika l-imposta ta' EUR 80 għal kull tunnellata;

c) għall-bastimenti tas-sajd bil-konz: EUR 3 900 għal sena kalendarja sħiħa, ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' 52 t fejn tapplika l-imposta ta' EUR 75 għal kull tunnellata, u 48,75 t fejn tapplika l-imposta ta' EUR 80 għal kull tunnellata.

([2]) Ref. il-Kapitolu II, it-Taqsima 1, il-paragrafu 6 għad-definizzjoni ta' "perjodu annwali".
([3]) Ara hawn fuq.

3. L-imposta b'rata fissa li trid titħallas minn qabel għandha tinkludi t-taxxi nazzjonali u lokali kollha minbarra t-taxxi tal-portijiet, it-taxxi tat-trażbord u l-kostijiet għall-provvista tas-servizzi. Għall-ewwel u l-aħħar perjodi annwali, l-imposta b'rata fissa li trid titħallas minn qabel u t-tunnellaġġ ekwivalenti tagħha għal kull bastiment għandhom jiġu kkalkulati *pro rata temporis*.

L-imposti fissi bil-quddiem, u l-bilanċi msemmija fil-paragrafu 5, għandhom jitħallsu f'kont speċifiku fl-Istat ta' Cabo Verde, li r-referenzi għalih għandhom jiġu pprovduti minn Cabo Verde.

4. Għal kull bastiment l-Unjoni għandha tistabbilixxi, abbażi tar-rappurtar minnu tal-qabdiet tiegħu, kalkolu finali tal-imposti li jridu jitħallsu għall-bastiment għall-attivitajiet tiegħu matul is-sena kalendarja ta' qabel. L-Unjoni għandha tibgħat dan il-kalkolu finali lil Cabo Verde u lill-operatur permezz tal-Istati Membri qabel it-30 ta' April tas-sena li tkun għaddejja. Cabo Verde jista' jikkontesta l-kalkolu finali, abbażi ta' evidenza ddokumentata, fi żmien 30 jum minn meta jirċevih. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fi ħdan il-Kumitat Konġunt. Jekk Cabo Verde ma joġġezzjonax fi żmien 30 jum, il-kalkolu finali għandu jitqies li ġie adottat.

5. Meta l-kalkolu finali jkun ikbar mill-imposta b'rata fissa li tkun tħallset minn qabel biex inkisbet l-awtorizzazzjoni tas-sajd, l-operatur għandu jħallas il-bilanċ pendenti lil Cabo Verde fi żmien 45 jum, sakemm ma jikkontestax il-kalkolu huwa stess. Madankollu, meta l-kalkolu finali jkun inqas mill-imposta b'rata fissa li tkun tħallset minn qabel, l-operatur ma jkunx jista' jirkupra l-ammont li jifdal.

KAPITOLU III

MIŻURI TEKNIĊI TA' KONSERVAZZJONI

Il-miżuri tekniċi li japplikaw għall-bastimenti li jkollhom awtorizzazzjoni għas-sajd fir-rigward taż-żoni, tal-irkaptu tas-sajd u tal-qabdiet aċċessorji huma stabbiliti fl-Appendiċi 2 għal kull kategorija ta' sajd.

Il-bastimenti għandhom josservaw il-miżuri u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-ICCAT għar-reġjun għal dak li għandu x'jaqsam mal-irkaptu tas-sajd u mal-irkaptu biex jinġema' l-ħut (FAD), l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom u kull miżura teknika oħra li tapplika għall-attivitajiet tas-sajd tagħhom.

F'konformità ma' dawn il-miżuri u rakkomandazzjonijiet, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex inaqqsu l-livell ta' qabdiet aċċessorji tal-fkieren tal-baħar, tal-għasafar tal-baħar u ta' speċijiet oħrajn li ma humiex fil-mira. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jeħilsu dawn il-qabdiet aċċessorji fl-interess tas-sopravvivenza tal-ispeċijiet ikkonċernati.

KAPITOLU IV

DIKJARAZZJONI TAL-QABDIET

TAQSIMA 1

REĠISTRAZZJONI FIL-ĠURNAL TAS-SAJD U KOMUNIKAZZJONI TAL-QABDIET PERMEZZ TAS-SISTEMA ERS

1. Il-kaptan ta' bastiment tal-qbid tal-Unjoni li jkollu liċenzja tas-sajd mogħtija permezz ta' dan il-Protokoll għandu jżomm ġurnal tas-sajd f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet applikabbli tal-ICCAT.

Il-kaptan għandu jkun responsabbli għall-akkuratezza tad-*data* rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd.

2. Kull bastiment tal-qbid tal-Unjoni li jkollu liċenzja tas-sajd maħruġa skont dan il-Protokoll għandu jkun mgħammar b'sistema elettronika ("ERS") li tkun kapaċi tirreġistra u tibgħat *data* dwar l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment ("*data* tal-ERS").

3. Bastiment tal-qbid tal-Unjoni li ma jkunx mgħammar b'sistema ERS, jew li s-sistema ERS tiegħu ma tkunx qiegħda taħdem, ma huwiex awtorizzat jidħol fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde biex iwettaq attivitajiet tas-sajd fiha.

4. Il-ġurnal tas-sajd għandu jimtela mill-kaptan għal kull jum li fih il-bastiment ikun fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde. Il-bastiment għandu jibgħat id-*data* tal-ERS lill-Istat tal-bandiera tiegħu, li għandu jiżgura li din titqiegħed b'mod awtomatiku għad-dispożizzjoni taċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd (ĊMS) ta' Cabo Verde.

5. It-trażmissjoni tad-data tal-ERS trid issir bl-użu tal-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni mmaniġġjati mill-Kummissjoni Ewropea għall-iskambji standardizzati tad-*data* dwar is-sajd. Ir-rekwiżiti tekniċi għall-komunikazzjonijiet permezz tas-sistema ERS huma speċifikati fl-Appendiċi 5, it-Taqsima 1 u 3.

6. F'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet ta' Cabo Verde jirriżervaw id-dritt li jissospendu l-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment li wettaq in-nuqqas sakemm jitlestew il-formalitajiet u l-penali stabbilita fil-leġiżlazzjoni attwali ta' Cabo Verde tiġi applikata lill-operatur. L-Unjoni u l-Istat tal-bandiera għandhom jiġu infurmati b'dan. Madankollu, jekk ħsara teknika taffettwa t-trażmissjoni bejn iċ-ĊMS ta' biċċiet mid-*data* tal-ERS, il-bastimenti tal-Unjoni affettwati minn dak in-nuqqas ma għandhomx jitqiesu li jinsabu fi stat ta' nonkonformità.

TAQSIMA 2

RAPPORTAR TRIMESTRALI TAD-*DATA* AGGREGATA DWAR IL-QABDIET

1. Qabel tmiem it-tielet xahar ta' kull trimestru, l-Unjoni tipprovdi lil Cabo Verde d-*data* dwar il-qabdiet fix-xhur jew fit-trimestri ta' qabel tas-sena li tkun għaddejja. Din id-*data* għandha tiġi ppreżentata kull xahar, skont il-kategorija tas-sajd, skont il-bastiment u skont l-ispeċi indikata mill-kodiċi tal-FAO tagħha.

2. Din id-*data* aggregata mill-ġurnali tas-sajd għandha titqies bħala provviżorja, sakemm l-awtoritajiet tal-Unjoni jkunu nnotifikaw dikjarazzjoni annwali finali tal-qabdiet skont il-Kapitolu II, it-Taqsima 2.

3. Cabo Verde għandu juża din id-*data* u jirrapporta l-inkonsistenzi mad-*data* li jirċievi mis-sistema ERS skont it-Taqsima 1 ta' dan il-Kapitolu.

KAPITOLU V

ŻBARK U TRAŻBORD

1. Notifika u dikjarazzjoni

   Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni li jkun jixtieq jiżbarka l-ħut f'port ta' Cabo Verde, jew jittrażborda qabdiet li jkun qabad fiż-żona ta' Cabo Verde, għandu jkun konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li jistabbilixxu l-iskadenzi u l-informazzjoni li għandha tiġi komunikata lil Cabo Verde bħala l-Istat tal-Port:

   a) għat-talba minn qabel għad-dħul fil-port ([4]);

   b) għan-notifika ta' trażbord minn qabel ([5]);

   c) għad-dikjarazzjoni ta' trażbord ([6]).

   Barra minn hekk, id-dikjarazzjonijiet tal-iżbark fil-portijiet ta' Cabo Verde għandhom jiġu kkomunikati wkoll lil Cabo Verde fl-istess skadenzi u formati bħal dawk stabbiliti għall-komunikazzjoni tagħhom lill-Istat tal-bandiera.

2. Arranġamenti għall-komunikazzjoni tan-notifiki u d-dikjarazzjonijiet

   In-notifiki u d-dikjarazzjonijiet imsemmija f'dan il-Kapitolu għandhom jiġu kkomunikati bħala kwistjoni ta' prijorità permezz tas-sistema ERS bejn l-Istat tal-bandiera u l-awtoritajiet ta' Cabo Verde. Madankollu, jekk l-informazzjoni kollha prevista f'dawn in-notifiki u d-dikjarazzjonijiet ma tiġix trażmessa permezz tas-sistema ERS, l-informazzjoni kollha għall-avveniment ikkonċernat tiġi sottomessa permezz tal-posta elettronika mill-operatur lill-awtoritajiet ta' Cabo Verde. F'dan il-każ, huma għandhom jgħarrfu dwar il-wasla minngħajr dewmien.

   It-trażbord irid isir fl-ilmijiet ta' port ta' Cabo Verde li jkun awtorizzat għal dan il-għan. It-trażbord fuq il-baħar huwa pprojbit.

   In-nuqqas ta' konformità ta' dawn il-kundizzjonijiet għandu jwassal biex jiġu applikati l-pieni previsti għal dan il-għan fil-leġiżlazzjoni ta' Cabo Verde.

3. Skrutinju tat-tranżazzjonijiet

   Cabo Verde għandu jikkontrolla l-operazzjonijiet ta' trażbord u ta' żbark fil-portijiet f'konformità mal-obbligi tiegħu skont il-Ftehim dwar il-miżuri tal-Istat tal-Port. Il-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni involuti f'operazzjonijiet ta' żbark jew ta' trażbord għandhom jaċċettaw il-verifiki ta' dawk l-operazzjonijiet. Għandhom japplikaw il-proċeduri ta' spezzjoni stabbiliti fil-Kapitolu VI, il-paragrafu 3.

   Fuq talba tal-ispetturi, il-kaptan għandu jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-approvazzjoni sanitarja tal-bastiment.

4. Inċentivi għall-iżbark

   Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bejniethom sabiex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-industrija tas-sajd ta' Cabo Verde u sabiex isaħħu l-impatt ekonomiku u soċjali tal-Ftehim, b'mod partikolari billi jżidu l-iżbark mill-bastimenti tal-Unjoni u billi jżidu l-valur għall-prodotti tas-sajd.

   L-operaturi li jistadu għat-tonn għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżbarkaw Parti mill-qabdiet li jkunu għamlu fl-ilmijiet ta' Cabo Verde. Il-qabdiet żbarkati jistgħu jinbiegħu lill-intrapriżi lokali bi prezz iddefinit abbażi ta' negozjati bejn l-operaturi.

   Il-Kumitat Konġunt għandu jimmonitorja b'mod regolari l-implimentazzjoni tal-istrateġija maħsuba biex iżid ir-rata tal-iżbark kif ukoll it-tħaddim tajjeb tal-infrastrutturi tal-port u tal-ipproċessar wara konsultazzjoni mal-operaturi kkonċernati.

([4]) Ref. ICCAT, Rakkomandazzjoni 18-09, il-paragrafu 13.
([5]) Ref. ICCAT, Rakkomandazzjoni 21-15, l-Appendiċi 3, il-paragrafu 3.1.
([6]) Ref. ICCAT, Rakkomandazzjoni 21-15, l-Appendiċi 3, il-paragrafu 3.3 u l-Appendiċi 1.

L-awtoritajiet ta' Cabo Verde għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-port għall-bastimenti tal-Unjoni biex jagħmlu l-iżbark.

KAPITOLU VI

KONTROLL U SPEZZJONI

1. Dħul fiż-żona tas-sajd u ħruġ minnha

Jeħtieġ li Cabo Verde jiġi mgħarraf b'kull dħul fiż-żona tas-sajd tiegħu u ħruġ minnha min-naħa ta' bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd fi żmien 3 sigħat qabel dan id-dħul jew ħruġ.

Meta tkun qed issir in-notifika tad-dħul jew tal-ħruġ tal-bastiment, għandha tintbagħat b'mod partikulari l-informazzjoni li ġejja:

a) id-data, il-ħin u l-punt ta' qsim tal-fruntiera previsti;

b) il-kwantità ta' kull speċi miżmuma abbord, identifikata bil-kodiċi alfa 3 tal-FAO tagħha u mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, fejn ikun meħtieġ, fl-għadd ta' ħut individwali.

Fil-każ ta' tħassir tal-ħruġ, dan ukoll irid jiġi nnotifikat mill-aktar fis possibbli. In-notifika tad-dħul u tal-ħruġ għandha ssir l-ewwel permezz tas-sistema tal-ERS jew, fin-nuqqas ta' dan, permezz tal-posta elettronika jew bir-radju. Cabo Verde għandu jinforma minnufih lill-bastimenti kkonċernati u lill-Unjoni b'kull bidla tal-indirizz elettroniku jew fil-frekwenza tat-trażmissjonijiet.

Kull bastiment li jinqabad jistad fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde mingħajr ma jkun innotifika d-daħla tiegħu minn qabel jitqies bħala bastiment li jkun qed jikser il-liġi.

In-notifika għandha tintbagħat bħala prijorità permezz tal-ERS jew, jekk din ikollha l-ħsara, bil-posta elettronika. L-awtoritajiet ta' Cabo Verde għandhom jgħarrfu minnufih lill-bastimenti kkonċernati u lill-Unjoni b'kull bidla tal-indirizz elettroniku.

2. Id-*data* dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti tal-VMS — strument ta' sorveljanza tal-bastimenti

Kwalunkwe bastiment tal-Unjoni awtorizzat skont dan il-Protokoll għandu jkun mgħammar bi strument ta' monitoraġġ tal-bastimenti, kompletament operattiv u konness li jkun jista' lokalizzat u jiġi identifikat awtomatikament minn strument ta' traċċar, bis-saħħa tat-trażmissjoni awtomatika tad-*data* dwar il-pożizzjoni tal-bastiment f'intervalli regolari ("*data* tal-VMS").

Huwa pprojbit li wieħed iċaqlaq, jiskonnettja, ikisser, jagħmel ħsara lil jew jiddiżattiva l-istrument ta' monitoraġġ kontinwu tal-pożizzjoni permezz tal-komunikazzjoni satellitari li tkun abbord il-bastiment għat-trażmissjoni tad-*data*, jew li wieħed volontarjament jibdel, jiddevja jew jiffalsifika d-*data* li din is-sistema tittrażmetti jew tirreġistra.

Waqt li jkunu fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde, il-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom jassiguraw il-komunikazzjoni awtomatika u kontinwa tal-pożizzjoni tagħhom, f'kull ħin, liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera tagħhom. Din id-*data* għandha tkun disponibbli għal Cabo Verde skont l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 5.

Il-bastimenti tal-Unjoni ma għandhomx jitqiesu li huma f'nuqqas ta' konformità fil-każ ta' ħsara teknika fit-trażmissjoni tad-*data* tal-VMS bejn iċ-ĊMS ikkonċernati.

Kull messaġġ dwar il-pożizzjoni għandu jipprovdi l-pożizzjoni ġeografika l-iżjed riċenti tal-bastiment (il-longitudni u l-latitudni), b'marġni ta' żball tal-pożizzjoni ta' inqas minn 500 metru, u b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 %, kif ukoll l-informazzjoni bil-format speċifiku tal-Appendiċi 5.

3. Spezzjonijiet

L-ispezzjoni fuq il-baħar fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde jew fil-port tal-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandha ssir minn bastimenti u spetturi ta' Cabo Verde li jkunu identifikati b'mod ċar bħala bastimenti u spetturi maħturin sabiex iwettqu verifiki tas-sajd.

Qabel ma jitilgħu abbord, l-ispetturi ta' Cabo Verde għandhom javżaw lill-bastiment tal-Unjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jwettqu spezzjoni. L-ispezzjoni għandha ssir minn mhux iktar minn żewġ spetturi, li jridu jipprovdu prova tal-identità u tal-pożizzjoni uffiċjali tagħhom bħala spetturi qabel ma jwettqu l-ispezzjoni.

L-ispetturi ta' Cabo Verde għandhom jibqgħu abbord il-bastiment tal-Unjoni għall-ħin meħtieġ sabiex iwettqu l-kompiti marbutin mal-ispezzjoni biss. Huma għandhom iwettqu l-ispezzjoni b'mod li jnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tagħha fuq il-bastiment u fuq l-attività tas-sajd u l-merkanzija tiegħu.

Il-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni għandu jiffaċilita l-imbark tal-ispetturi ta' Cabo Verde u għandu jiffaċilitalhom xogħolhom.

Fi tmiem kull spezzjoni, l-ispetturi ta' Cabo Verde għandhom ifasslu rapport tal-ispezzjoni. Il-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni għandu d-dritt li jinkludi l-kummenti tiegħu fir-rapport tal-ispezzjoni. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandhom jiffirmawh l-ispettur li fasslu u l-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni.

L-ispetturi ta' Cabo Verde għandhom jagħtu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni qabel ma jinżlu minn fuq il-bastiment. Cabo Verde għandu jibgħat kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-Unjoni fi żmien 8 ijiem mill-ispezzjoni.

L-awtoritajiet ta' Cabo Verde jistgħu jawtorizzaw lill-awtoritajiet tal-Unjoni jieħdu sehem fl-ispezzjonijiet bħala osservaturi.

4. Spezzjonijiet konġunti

Abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, il-Partijiet jistgħu jiftiehmu li jwettqu spezzjonijiet konġunti fuq il-bastimenti tal-Unjoni, b'mod partikolari waqt l-operazzjonijiet ta' żbark u ta' trażbord, biex jiżguraw il-ħarsien kemm mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif ukoll mal-leġiżlazzjoni ta' Cabo Verde. Fit-twettiq ta' dmirijiethom, l-ispetturi skjerati mill-Partijiet f'dan il-kuntest għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar it-twettiq tal-ispezzjonijiet stabbiliti rispettivament fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u ta' Cabo Verde.

Fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati tal-bandiera u Stati kostali, il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jikkooperaw fuq azzjonijiet ta' kontroll, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tagħhom. Barra minn hekk, fuq talba tal-Unjoni, l-awtoritajiet ta' Cabo Verde jistgħu jawtorizzaw lill-ispetturi tas-sajd mill-Istati Membri tal-Unjoni jwettqu spezzjonijiet fuq il-bastimenti tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom fil-limiti tal-kompetenza tagħhom skont id-dritt nazzjonali tagħhom.

F'każ ta' nuqqas ta' konformità tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet ta' Cabo Verde jirriżervaw id-dritt li jissospendu l-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment tal-Unjoni li jkun qed iwettaq il-ksur sakemm jitlestew il-formalitajiet u li japplikaw il-piena stabbilita fil-leġiżlazzjoni ta' Cabo Verde. L-Istat Membru tal-Unjoni li jkun l-Istat tal-bandiera u l-Unjoni għandhom jiġu mgħarrfa b'dan.

5. Monitoraġġ parteċipattiv marbut mal-ġlieda kontra s-sajd IUU

Sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra s-sajd IUU, il-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni għandhom jirrappurtaw il-preżenza ta' kwalunkwe bastiment fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde li jkun qed iwettaq attivitajiet issuspettati li huma attivitajiet tas-sajd IUU, u għandhom jipprovdu kemm jista' jkun informazzjoni dwar dak li jkunu lemħu. Ir-rapporti ta' osservazzjoni għandhom jintbagħtu minnufih lill-awtoritajiet ta' Cabo Verde u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-Unjoni li jkun l-Istat tal-bandiera tal-bastiment li jkun wettaq l-osservazzjoni li, min-naħa tagħha, għandha tibgħathom minnufih lill-Unjoni jew lill-korp magħżul minnha. L-awtoritajiet ta' Cabo Verde għandhom jibagħtu lill-Unjoni kwalunkwe rapport tal-osservazzjoni li jkollhom dwar bastimenti tal-Unjoni li jkunu qed iwettqu attivitajiet issuspettati li huma attivitajiet tas-sajd IUU fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde.

KAPITOLU VII

KSUR TAR-REGOLI

1. Ipproċessar tal-ksur

Kull ksur imwettaq minn bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd f'konformità ma' dan l-Anness huwa msemmi f'rapport tal-ispezzjoni.

L-iffirmar tar-rapport tal-ispezzjoni min-naħa tal-kaptan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-operatur li jiddefendi ruħu mill-akkuża ta' ksur.

2. Detenzjoni ta' bastiment — laqgħa ta' informazzjoni

Meta l-leġiżlazzjoni ta' Cabo Verde li tkun fis-seħħ dwar il-ksur tkun tippermetti dan, kull bastiment tal-Unjoni li jkun wettaq ksur jista' jiġi mġiegħel iwaqqaf l-attività tas-sajd tiegħu u jirritorna lejn port ta' Cabo Verde, f'każ li jkun qed ibaħħar.

Cabo Verde għandu jinnotifika lill-Unjoni sa fi żmien jum tax-xogħol b'kull detenzjoni ta' bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd. Ma' din in-notifika għandhom jingħataw elementi li jiġġustifikaw l-arrest.

Qabel ma jieħu kwalunkwe miżura kontra l-bastiment, il-kaptan, l-ekwipaġġ jew il-merkanzija, ħlief għal miżuri mmirati għall-ħarsien tal-provi, Cabo Verde għandu jorganizza, fuq talba tal-Unjoni, fi żmien jum tax-xogħol min-notifika tad-detenzjoni tal-bastiment, laqgħa ta' informazzjoni sabiex jiġu ċċarati l-fatti li wasslu għall-arrest tal-bastiment u sabiex jiġi spjegat l-azzjoni li jmiss li jistgħu jittieħdu. Rappreżentant tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment jista' jattendi din il-laqgħa ta' informazzjoni.

3. Pieni għall-ksur — proċedura ta' kompromess

Cabo Verde għandu jistabbilixxi l-piena għall-allegat ksur skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu fis-seħħ.

Meta s-soluzzjoni għall-ksur tkun tinvolvi proċedimenti legali, qabel jingħata bidu għalihom, u sakemm il-ksur ma jkunx jinvolvi att kriminali, għandha tinbeda proċedura ta' kompromess bejn Cabo Verde u l-Unjoni sabiex jiġu stabbiliti t-termini tal-piena u l-livell tagħha. Rappreżentant tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment jista' jattendi għal din il-proċedura ta' kompromess. Il-proċedura ta' kompromess għandha tintemm sa mhux iktar tard minn 3 ijiem min-notifika tal-arrest tal-bastiment.

4. Proċedimenti legali — garanzija bankarja

Jekk il-proċedura ta' kompromess tfalli u l-ksur jitressaq quddiem il-qorti kompetenti, l-operatur tal-bastiment li wettaq il-ksur għandu jiddepożita garanzija bankarja f'bank magħżul minn Cabo Verde, li l-ammont tagħha, kif stabbilit minn Cabo Verde, għandu jkun ikopri l-kostijiet marbutin mad-detenzjoni tal-bastiment, il-multa stmata u kwalunkwe kumpens li jista' jkun hemm 'il quddiem. Il-garanzija bankarja ma tistax tiġi rkuprata qabel ma jkunu ġew konklużi l-proċedimenti legali.

Il-garanzija bankarja għandha tiġi rrilaxxata u tingħata lura lill-operatur mingħajr dewmien wara li tinqata' s-sentenza:

a) kollha kemm hi, jekk ma tkun ġiet imposta l-ebda piena;

b) skont l-ammont tal-bilanċ li jkun għad fadal, jekk il-piena tkun multa li tkun iżjed baxxa mill-ammont tal-garanzija bankarja.

Cabo Verde għandu jgħarraf lill-Unjoni bir-riżultat tal-proċedimenti legali fi żmien 8 ijiem minn meta tingħata s-sentenza.

5. Rilaxx tal-bastiment u tal-ekwipaġġ

Il-bastiment u l-ekwipaġġ tiegħu għandhom jiġu awtorizzati jħallu l-port ladarba l-piena tkun tħallset fi proċedura ta' kompromess, jew ladarba l-garanzija bankarja tkun ġiet iddepożitata.

KAPITOLU VIII

IMPJIEG TAS-SAJJIEDA TAL-AKP ABBORD BASTIMENTI TAL-UNJONI

Fit-tmien ta' dan il-Kapitolu "sid ta' bastiment tas-sajd" tfisser is-sid tal-bastiment tas-sajd jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer, l-aġent jew in-nolleġġatur ta' bastiment mingħajr ekwipaġġ, li jkun assuma r-responsabbiltà għall-operat tal-bastiment mis-sid u li, malli jassumi t-tali responsabbiltà, ikun qabel li jieħu f'idejh id-doveri u r-responsabbiltajiet imposti fuq is-sidien ta' bastiment tas-sajd skont it-termini ta' dan il-Protokoll, irrispettivament minn jekk kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra tissodisfax uħud mid-doveri jew ir-responsabbiltajiet f'isem is-sid tal-bastiment tas-sajd

1. L-għadd meħtieġ ta' sajjieda tal-AKP li għandhom jiġu imbarkati

1.1. Is-sid tal-bastiment tas-sajd għandu jimbarka sajjieda mill-Afrika, mill-Karibew u mill-Paċifiku ("AKP") biex jaħdmu abbord il-bastiment tiegħu bħala membri tal-ekwipaġġ għat-tul tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment fil-qafas ta' dan il-Protokoll.

1.2. L-għadd minimu ta' sajjieda li għandhom jiġu imbarkati skont il-punt 1.1 għandu jkun kif ġej:

a) il-flotta tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni għandha timbarka mill-inqas sitt baħrin;

b) il-flotta tal-bastimenti tat-tonn bil-qasab u x-xlief għandha timbarka mill-inqas żewġ baħrin;

c) il-flotta tal-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ għandha timbarka mill-inqas ħames baħrin.

Is-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jagħmlu ħilithom biex jimbarkaw iktar baħrin minn Cabo Verde.

1.3. Is-sajjieda li għandhom jiġu imbarkati skont il-punt 1.1 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Istat tal-bandiera li tittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 ([7]), inkluż f'dak li jirrigwarda l-passaport, il-ktieb tal-baħħara, iċ-ċertifikat mediku u ċ-ċertifikat ta' taħriġ bażiku. Il-lista ta' rekwiżiti li jirriżultaw minn din

([7]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 tad-19 ta' Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol konkluż bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea (Europêche) (ĠU UE L 25, 31.1.2017, p. 12).

il-leġiżlazzjoni għandha tiġi kkomunikata minn qabel biżżejjed lill-awtoritajiet ta' Cabo Verde mill-Istat tal-bandiera. Is-sajjieda tal-AKP li għandhom jiġu imbarkati f'konformità mal-punt 1.1 għandhom ikunu jistgħu jifhmu l-lingwa tax-xogħol stabbilita abbord il-bastiment tas-sajd, jagħtu ordnijiet u struzzjonijiet u jirrapportaw b'dik il-lingwa.

1.4. L-awtoritajiet kompetenti ta' Cabo Verde għandhom jistabbilixxu, jaġġornaw regolarment u jikkomunikaw lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd lista ta' sajjieda kompetenti.

1.5. Il-kaptan għandu jistabbilixxi, jaġġorna u jiffirma lista tal-ekwipaġġ skont il-formola 5 tal-Konvenzjoni tal-IMO dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (il-Konvenzjoni FAL), u għandu jibgħat kopja ta' din il-lista lill-awtoritajiet nominati ta' Cabo Verde qabel ma l-bastiment iħalli ż-żona tal-port.

1.6. Is-sid tal-bastiment tas-sajd jew, fin-nuqqas tiegħu, il-kaptan, għandu jirrifjuta li jippermetti lis-sajjied jitla' abbord il-bastiment tiegħu jekk is-sajjied ma jissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fil-punt 1.3.

2. Kundizzjonijiet tax-xogħol

Il-kundizzjonijiet li bihom is-sajjieda tal-AKP jiġu imbarkati jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Istat tal-bandiera li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2017/159, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol jew tal-mistrieħ, id-drittijiet ta' ripatrijazzjoni, kif ukoll is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali.

3. Ftehim tax-xogħol tas-sajjieda

3.1. Għal kull sajjied imbarkat abbord bastiment tal-Unjoni f'konformità mal-punt 1.1, għandu jiġi nnegozjat u ffirmat ftehim ta' impenn bil-miktub kemm mis-sajjied kif ukoll minn min iħaddem.

3.2. Il-ftehim jikkonforma mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Istat tal-bandiera li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2017/159 (l-Anness I tad-Direttiva).

4. Paga tas-sajjieda

4.1. Il-kost tal-paga u l-kostijiet addizzjonali tax-xogħol għandhom jitħallsu direttament jew, fil-każ fejn l-impjegatur tas-sajjied ikun servizz privat tas-suq tax-xogħol, indirettament minn sid il-bastiment tas-sajd.

4.2. Għandha titħallas paga garantita ta' kull xahar jew regolari lis-sajjieda tal-AKP, preferibbilment permezz ta' trasferiment bankarju, irrispettivament mill-qabdiet u/jew mill-bejgħ reali tal-ħut. Dan jiġi stabbilit bi ftehim reċiproku bejn sidien il-bastimenti jew ir-rappreżentanti tagħhom u l-baħrin u/jew it-trade unions tagħhom jew ir-rappreżentanti tagħhom. Meta ma jkunux ġew konklużi ftehimiet kollettivi u l-pagi bażiċi minimi tal-Istati tal-bandiera ma japplikawx, il-kundizzjonijiet bażiċi tal-pagi mogħtija lis-sajjieda tal-AKP ma għandhomx ikunu anqas minn dawk applikati għall-ekwipaġġi fil-pajjiżi rispettivi tagħhom u, fl-ebda każ, ma għandhom ikunu soġġetti għall-istandards tal-ILO dwar il-baħħara, li l-għan tagħhom huwa li jistabbilixxu xibka ta' sikurezza internazzjonali għall-protezzjoni tax-xogħol deċenti għall-baħħara u li jgħinu biex jiżguraw dan.

4.3. Is-sajjieda ma għandhomx għalfejn iġarrbu l-kostijiet potenzjali tal-pagamenti riċevuti. Il-baħħara għandhom il-mezzi biex jibagħtu lill-familji tagħhom mingħajr kostijiet il-ħlasijiet kollha li jirċievu, jew parti minnhom, inklużi l-pagamenti bil-quddiem.

4.4. Is-sajjieda għandhom jirċievu karta tal-paga għal kull ħlas tar-remunerazzjoni tagħhom u, jekk jitolbu dan, prova tal-pagament tal-paga.

5. Sigurtà soċjali

Cabo Verde għandu jiżgura li s-sajjieda residenti abitwali fit-territorju tiegħu u d-dipendenti tagħhom, sa fejn previst mid-dritt nazzjonali, ikunu intitolati għall-protezzjoni soċjali b'kundizzjonijiet mhux inqas favorevoli minn dawk applikabbli għal ħaddiema oħra, b'mod partikolari l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom, li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju tagħhom.

6. Servizzi privati tas-suq tax-xogħol

6.1. Is-servizzi privati tas-suq tax-xogħol jinkludu:

a) servizz ta' reklutaġġ u kollokament, jiġifieri kull persuna, kumpanija, istituzzjoni, aġenzija jew organizzazzjoni oħra, fis-settur pubbliku jew privat, li hija impenjata fir-reklutaġġ ta' sajjieda f'isem, jew li tpoġġi sajjieda ma', sidien ta' bastimenti tas-sajd;

b) aġenzija privata tal-impjiegi, jiġifieri kull persuna, kumpanija, istituzzjoni, aġenzija jew organizzazzjoni oħra fis-settur privat impenjata li timpjega jew tinvolvi sajjieda bil-għan li tagħmilhom disponibbli għas-sidien ta' bastimenti tas-sajd li jassenjaw il-kompiti tagħhom u jissorveljaw it-twettiq ta' dawn il-kompiti.

6.2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Cabo Verde għandhom jiżguraw li l-aġenti ta' Cabo Verde li jipprovdu servizzi privati tas-suq tax-xogħol kemm lis-sajjieda kif ukoll lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd:

a) ma jużaw l-ebda mezz, mekkaniżmu jew lista biex jipprevjenu jew jiskoraġġixxu lis-sajjieda milli jiġu impjegati;

b) ma jitolbux lis-sajjieda, fi flus kontanti jew *in natura*, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, tariffi jew kostijiet oħra għas-servizzi tas-suq tax-xogħol li jipprovdu;

c) ma jagħtux self jew ma jipprovdux oġġetti jew servizzi lis-sajjied bil-patt li s-sajjieda jridu jħallsuhom lura jew jirrimborżawhom;

d) ma jnaqqsux mir-remunerazzjoni tas-sajjieda l-pagament jew ir-rimborż ta' self, oġġetti jew servizzi pprovduti qabel ma s-sajjied ikun ġie impjegat; u

e) jiżguraw li:

i) il-ftehim ta' impjieg tas-sajjied jikkonforma ma' dan il-Kapitolu, mal-leġiżlazzjonijiet, mar-regolamenti u mal-ftehimiet kollettivi li jirregolaw il-ftehim ta' impjieg tas-sajjied;

ii) il-ftehim ta' impjieg tas-sajjied jitfassal b'lingwa mifhuma mis-sajjied u bil-lingwa uffiċjali jew tax-xogħol tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni kkonċernat;

iii) is-sajjieda impjegati jiġu infurmati bid-drittijiet u bl-obbligi tagħhom qabel ma jiffirmaw il-ftehim ta' impenn tagħhom;

iv) jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex is-sajjieda impjegati jkunu jistgħu jirrevedu t-termini tal-ftehim ta' impenn tagħhom u jfittxu parir dwar il-kwistjoni qabel ma jiffirmaw;

v) is-sajjieda impjegati jirċievu kopja ffirmata tal-ftehim ta' impjieg tagħhom;

vi) is-sajjieda jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan il-Kapitolu; u

vii) is-sid tal-bastiment tas-sajd għandu jirċievi kopja ta' kull karta tal-paga u prova tal-pagament f'waqthom ma' kull pagament ta' remunerazzjoni jekk il-membru tal-persunal iħallas ir-remunerazzjoni.

6.3. L-awtoritajiet kompetenti ta' Cabo Verde għandhom jiżguraw li l-aġenti ta' Cabo Verde li jimpjegaw sajjieda biex jistazzjonaw abbord bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jiżguraw li l-ftehimiet ta' impjieg tas-sajjieda li jiffirmaw ma' dawk is-sajjieda jindikaw b'mod ċar li s-sajjied ikkonċernat ikun impjegat mill-aġent li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tas-sidien tal-bastimenti tas-sajd li jassenjawhom f'kompiti u jissorveljaw it-twettiq ta' dawk il-kompiti.

6.4. B'deroga mill-punt 6.2, il-punt b), il-kostijiet tal-kisba ta' ktieb tal-baħħara, ta' ċertifikat mediku u ta' passaport għandhom jitħallsu mis-sajjied jew minn persuna jew organizzazzjoni oħra ddeterminati mil-leġiżlazzjoni applikabbli, mill-ftehim ta' impjieg tas-sajjied jew minn ftehim kollettiv, fejn applikabbli. Il-kostijiet tal-kisba ta' viża u ta' permess tax-xogħol, jekk applikabbli, huma r-responsabbiltà tal-impjegatur.

7. Ħarsien ta' dan il-Kapitolu

7.1. L-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Partijiet għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni applikabbli għas-sajjieda tkun faċilment aċċessibbli u mingħajr ħlas f'forma komprensiva u trasparenti.

7.2. L-awtoritajiet ta' Cabo Verde għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-Kapitolu f'konformità mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali u f'konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

7.3. L-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera għandhom jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tat-Taqsimiet 1, 2 u 3 abbord bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom. Dawn jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom f'konformità mal-Linji Gwida tal-ILO għall-Ispezzjoni tal-Istat tal-Bandiera tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol fuq il-Bastimenti tas-Sajd.

7.4. Is-sidien tal-bastimenti tas-sajd għandhom ikunu eżentati mill-pagament tal-ammont b'rata fissa msemmi fil-punt 8 fil-każijiet li ġejjin:

a) is-sajjied propost fil-lista msemmija fil-punt 1.4 ma jidhirx li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1.3;

b) is-sajjied li jkun iffirma ftehim ta' impjieg skont il-punt 3.1 ma jirrapportax lill-imgħallem fid-data u fil-ħin speċifikati fil-ftehim ta' impjieg tiegħu;

c) l-awtoritajiet ta' Cabo Verde ma jipprovdux il-lista msemmija fil-punt 1.4.

7.5. Il-Kumitat Konġunt għandu jimmonitorja l-ħarsien tal-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

8. Nuqqas ta' imbark tas-sajjieda

Is-sidien tal-bastimenti tas-sajd li jonqsu milli jimbarkaw sajjieda minn Cabo Verde għandhom ikunu meħtieġa jħallsu, qabel it-30 ta' Settembru tas-sena li tkun għaddejja, għal kull baħri inqas mill-għadd stabbilit fit-Taqsima 1, ammont b'rata fissa ta' EUR 20 għal kull jum li fih il-bastimenti tagħhom kienu jinsabu fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde.

KAPITOLU IX

OSSERVATURI

1. Osservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd

Sa ma tiġi implimentata sistema ta' osservaturi reġjonali, il-bastimenti li huma awtorizzati jistadu fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde skont il-Ftehim għandhom jimbarkaw, minflok l-osservaturi reġjonali, osservaturi magħżulin minn Cabo Verde skont ir-regoli stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

Il-bastimenti li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom ikunu soġġetti għal skema ta' osservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tagħhom imwettqin fil-kuntest ta' dan il-Ftehim.

Din l-iskema ta' osservazzjoni għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet previsti fir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-ICCAT.

2. Bastimenti u osservaturi magħżulin

Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 1 ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet jintrabtu li joħolqu l-kundizzjonijiet tekniċi u loġistiċi biex jippermettu l-imbarkazzjoni ta' għadd minimu ta' osservaturi fil-kundizzjonijiet u l-limiti li ġejjin:

a) għall-flotta ta' bastimenti tas-sajd bit-tartaruni jassiguraw l-imbarkazzjoni ta' mill-inqas osservatur xjentifiku wieħed għal kull bastiment, sal-limitu massimu ta' tliet bastimenti indikati b'mod aleatorju.

b) għall-flotta ta' bastimenti tas-sajd bil-konz jassiguraw l-imbarkazzjoni ta' mill-inqas osservatur xjentifiku wieħed għal kull bastiment, sal-limitu massimu ta' tliet bastimenti indikati b'mod aleatorju.

c) għall-flotta tas-sajd bil-qasba u x-xlief jassiguraw l-imbarkazzjoni ta' mill-inqas osservatur xjentifiku wieħed għal kull bastiment, sal-limitu massimu ta' żewġ bastimenti indikati b'mod aleatorju.

Cabo Verde għandu jagħżel il-bastimenti tal-Unjoni li jimbarka osservatur, kif ukoll l-osservatur magħżul għal dawk il-bastimenti, sa mhux iktar tard minn 15-il jum qabel id-data prevista għall-imbark tal-osservatur.

Meta joħroġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd, Cabo Verde għandu jgħarraf lill-Unjoni u lill-operatur, jew lill-aġent tiegħu, bil-bastimenti u bl-osservaturi magħżulin, kif ukoll bil-ħin li matulu l-osservatur ikun se jkun abbord kull bastiment. Cabo Verde għandu jgħarraf minnufih lill-Unjoni u lill-operatur, jew lill-aġent tiegħu, b'kull bidla fil-bastimenti u fl-osservaturi magħżulin.

Cabo Verde għandu jagħmel ħiltu sabiex ma jagħżilx osservaturi għall-bastimenti li diġà jkollhom osservatur abbord jew li diġà jkunu obbligati formalment li jimbarkaw osservatur waqt l-istaġun tas-sajd ikkonċernat fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom f'żoni oħrajn tas-sajd minbarra dawk ta' Cabo Verde.

L-osservaturi m'għandhomx iqattgħu iżjed ħin abbord il-bastiment milli għandhom bżonn biex iwettqu dmirijiethom.

Kwalunkwe osservatur li jiġi imbarkat bastiment tal-Unjoni għandu jkun irċieva t-taħriġ meħtieġ biex jiżgura s-sikurezza tiegħu abbord u biex iwettaq tajjeb il-kompiti ta' osservazzjoni li għandhom isiru.

Cabo Verde jipprovdi t-taħriġ għall-osservaturi tiegħu. It-taħriġ tal-osservaturi għandu jinkludi l-kunsiderazzjoni tal-proċeduri stabbiliti għall-osservazzjoni abbord il-bastimenti tal-Unjoni, bl-objettiv li jiġu armonizzati u kkoordinati l-programmi nazzjonali tal-osservaturi.

Il-Partijiet jaqblu li jesploraw l-użu possibbli ta' sistemi ta' monitoraġġ elettroniku fil-programmi ta' osservazzjoni tagħhom. Cabo Verde u l-Unjoni għandhom jikkooperaw mal-Istati kostali l-oħra tal-Oċean Atlantiku tal-Lvant, sabiex tiġi appoġġata implimentazzjoni reġjonali miftiehma tal-programmi ta' osservazzjoni, skont l-ICCAT.

3. Kontribuzzjoni finanzjarja b'rata fissa

Meta jħallas l-imposta, l-operatur għandu jħallas lil Cabo Verde ammont b'rata fissa ta' EUR 200 fis-sena għal kull bastiment.

4. Paga tal-osservatur

Cabo Verde għandu jħallas il-paga u l-kontribuzzjonijiet soċjali tal-osservatur.

5. Kundizzjonijiet tal-imbark

Il-kundizzjonijiet tal-imbark tal-osservatur, b'mod partikulari t-tul ta' żmien tiegħu abbord, għandhom jiġu ddefiniti bi ftehim reċiproku bejn l-operatur jew l-aġent tiegħu u Cabo Verde.

Waqt li jkun abbord, l-osservatur għandu jiġi ttrattat bħala uffiċjal. Madankollu, l-akkomodazzjoni abbord tal-osservatur għandha tikkunsidra l-istruttura teknika tal-bastiment.

L-operatur għandu jħallas l-kostijiet tal-akkomodazzjoni u tal-ikel abbord.

Il-kaptan għandu jieħu l-miżuri kollha li għalihom huwa jkun responsabbli sabiex jiggarantixxi s-sikurezza fiżika u l-benesseri ġenerali tal-osservatur.

L-osservatur għandu jingħata l-faċilitajiet kollha meħtieġa biex iwettaq dmirijietu. Huwa għandu jkollu aċċess għall-mezzi ta' komunikazzjoni u għad-dokumenti marbutin mal-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment, b'mod partikolari għall-ġurnal ta' abbord tas-sajd u għall-ġurnal tan-navigazzjoni, kif ukoll għall-Partijiet tal-bastiment li huma marbutin b'mod dirett ma' dmirijietu.

6. Obbligi tal-osservatur

Waqt li jkun abbord, l-osservatur għandu:

a) jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex ma jinterrompix jew ifixkel l-operazzjonijiet tas-sajd;

b) jirrispetta l-proprjetà u t-tagħmir li jinsabu abbord;

c) jirrispetta n-natura kunfidenzjali ta' kull dokument tal-bastiment.

7. L-imbark u l-iżbark tal-osservatur

L-osservatur għandu jimbarka f'port magħżul mill-operatur.

L-operatur jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jgħarraf lil Cabo Verde, tal-inqas 10 ijiem qabel l-imbark, bid-data, bil-ħin u bil-port tal-imbark tal-osservatur. Jekk l-osservatur jittella' abbord f'pajjiż barrani, l-operatur għandu jħallas l-kostijiet tal-ivvjaġġar tiegħu lejn il-port tal-imbark.

Jekk l-osservatur ma jkunx preżenti għall-imbarkazzjoni fi żmien 12-il siegħa wara d-data u l-ħin stabbiliti, l-operatur għandu jinħeles awtomatikament mill-obbligu tiegħu li jippermetti lill-osservatur jimbarka. Huwa għandu jkun ħieles li jħalli l-port u li jibda l-operazzjonijiet tas-sajd tiegħu.

Meta l-osservatur ma jitniżżilx f'port ta' Cabo Verde, l-operatur għandu jiżgura r-ritorn tal-osservatur lura lejn Cabo Verde mill-aktar fis possibbli, u għandu jagħmel dan bi spejjeż tiegħu.

8. Il-kompiti tal-osservatur

L-osservatur għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

a) josserva l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment;

b) jivverifika l-pożizzjoni tal-bastiment waqt l-operazzjonijiet tas-sajd tiegħu;

c) jieħu kampjunar bijoloġiku fil-kuntest ta' programm xjentifiku;

d) jieħu nota tal-irkaptu tas-sajd użat;

e) jivverifika d-*data* dwar il-qabdiet għaż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde reġistrata fil-ġurnal ta' abbord;

f) jivverifika l-perċentwali tal-qabdiet aċċessorji u jagħti stima tal-qabdiet skartati;

g) jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu bir-radju, bil-faks jew bil-posta elettronika mill-inqas darba fil-ġimgħa waqt li l-bastiment ikun qed jistad fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde, inkluż il-kwantità ta' qabdiet ewlenin u aċċessorji abbord.

9. Rapport tal-osservatur

Qabel ma jħalli l-bastiment, l-osservatur għandu jippreżenta rapport tal-osservazzjonijiet tiegħu lill-kaptan tal-bastiment. Il-kaptan tal-bastiment għandu jkollu d-dritt jagħmel kummenti fuq ir-rapport tal-osservatur. Ir-rapport għandu jiġi ffirmat mill-osservatur u mill-kaptan. Il-kaptan għandu jirċievi kopja tar-rapport tal-osservatur.

L-osservatur għandu jibgħat ir-rapport tiegħu lil Cabo Verde, li għandu jibgħat kopja tiegħu lill-Unjoni fi żmien 8 ijiem mill-iżbark tal-osservatur.

APPENDIĊIJIET TAL-ANNESS

Appendiċi 1 – Żona tas-sajd ta' Cabo Verde

Appendiċi 2 – Miżuri tekniċi ta' konservazzjoni

Appendiċi 3 – Informazzjoni ta' kuntatt għall-komunikazzjoni skont dan il-Protokoll

Appendiċi 4 – Formola ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni

Appendiċi 4a – Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta meta ssir applikazzjoni għal-liċenzja fil-qafas tal-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim dwar is-Sajd bejn Cabo Verde u l-Unjoni Ewropea

Appendiċi 5 – Linji gwida tekniċi għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), u tas-sistema ta' reġistrazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd (sistema ERS)

Appendiċi 6 – Ipproċessar tad-*data* personali

Appendiċi 1

ŻONA TAS-SAJD TA' CABO VERDE

Iż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde tasal sa 200 mil nawtiku mil-linji bażi li ġejjin:

Punti	Latitudni tat-Tramuntana	Longitudni tal-Punent	Gżira
A.	14º 48′ 43,17″	24º 43′ 48,85″	I. Brava
C-P1 a Rainha	14º 49′ 59,10″	24º 45′ 33,11″	—
C-P1 a Faja	14º 51′ 52,19″	24º 45′ 09,19″	—
D-P1 Vermelharia	16º 29′ 10,25″	24º 19′ 55,87″	S. Nicolau
E.	16º 36′ 37,32″	24º 36′ 13,93″	Ilhéu Raso
F-P1 a da Peça	16º 54′ 25,10″	25º 18′ 11,00″	Santo Antão
F.	16º 54′ 40,00″	25º 18′ 32,00″	—
G-P1 a Camarín	16º 55′ 32,98″	25º 19′ 10,76″	—
H-P1 a Preta	17º 02′ 28,66″	25º 21′ 51,67″	—
I-P1 A Mangrade	17º 03′ 21,06″	25º 21′ 54,44″	—
J-P1 a Portinha	17º 05′ 33,10″	25º 20′ 29,91″	—
K-P1 a do Sol	17º 12′ 25,21″	25º 05′ 56,15″	—
L-P1 a Sinagoga	17º 10′ 41,58″	25º 01′ 38,24″	—
M-Pta Espechim	16º 40′ 51,64″	24º 20′ 38,79″	S. Nicolau
N-Pta Norte	16º 51′ 21,13″	22º 55′ 40,74″	Sal
O-Pta Casaca	16º 50′ 01,69″	22º 53′ 50,14″	—
P-Ilhéu Cascalho	16º 11′ 31,04″	22º 40′ 52,44″	Boa Vista
Pl-Ilhéu Baluarte	16º 09′ 05,00″	22º 39′ 45,00″	—
Q-Pta Roque	16º 05′ 09,83″	22º 40′ 26,06″	—
R-Pta Flamengas	15º 10′ 03,89″	23º 05′ 47,90″	Maio
S.	15º 09′ 02,21″	23º 06′ 24,98″	Santiago
T.	14º 54′ 10,78″	23º 29′ 36,09″	—
U-D. Maria Pia	14º 53′ 50,00″	23º 30′ 54,50″	I. de Fogo
V-Pta Pesqueiro	14º 48′ 52,32″	24º 22′ 43,30″	I. Brava
X-Pta Nho Martinho	14º 48′ 25,59″	24º 42′ 34,92″	—
II >	14º 48′ 43,17″	24º 43′ 48,85″	

Skont it-Trattat li r-Repubblika ta' Cabo Verde u r-Repubblika tas-Senegal iffirmaw bejniethom fis-17 ta' Frar 1993, il-fruntiera marittima mas-Senegal hija delimitata mill-punti li ġejjin:

Punti	Latitudni tat-Tramuntana	Longitudni tal-Punent
A	13° 39′ 00″	20° 04′ 25″
B	14° 51′ 00″	20° 04′ 25″
C	14° 55′ 00″	20° 00′ 00″
D	15° 10′ 00″	19° 51′ 30″
E	15° 25′ 00″	19° 44′ 50″
F	15° 40′ 00″	19° 38′ 30″
G	15° 55′ 00″	19° 35′ 40″
H	16° 04′ 05″	19° 33′ 30″

Skont it-Trattat li r-Repubblika ta' Cabo Verde u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania ffirmaw bejniethom, il-fruntiera marittima bejn iż-żewġ pajjiżi hija delimitata mill-punti li ġejjin:

Punti	Latitudni tat-Tramuntana	Longitudni tal-Punent
H	16° 04,0′	019° 33,5′
I	16° 17,0′	019° 32,5′
J	16° 28,5′	019° 32,5′
K	16° 38,0′	019° 33,2′
L	17° 00,0′	019° 32,1′
M	17° 06,0′	019° 36,8′
N	17° 26,8′	019° 37,9′
O	17° 31,9′	019° 38,0′
P	17° 44,1′	019° 38,0′
Q	17° 53,3′	019° 38,0′
R	18° 02,5′	019° 42,1′
S	18° 07,8′	019° 44,2′
T	18° 13,4′	019° 47,0′
U	18° 18,8′	019° 49,0′
V	18° 24,0′	019° 51,5′

Punti	Latitudni tat-Tramuntana	Longitudni tal-Punent
X	18° 28,8′	019° 53,8′
Y	18° 34,9′	019° 56,0′
Z	18° 44,2′	020° 00,0′

Appendiċi 2

MIŻURI TEKNIĊI TA' KONSERVAZZJONI

1. Miżuri li japplikaw għall-kategoriji kollha:

(a) Speċijiet ipprojbiti:

F'konformità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi u mar-riżoluzzjonijiet tal-ICCAT, huwa pprojbit is-sajd għall-manta ġganta (*Manta birostris*), għall-gabdoll (*Cetorhinus maximus*), għall-kelb il-baħar l-abjad (*Carcharodon carcharias*), għall-pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*), għall-kurazzi tal-familja tal-iSphyrnidae (ħlief għall-kurazza tiburo), għall-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (*Carcharhinus longimanus*) u għall-kelb il-baħar ħariri (*Carcharhinus falciformis*).

Is-sajd għall-kelb il-baħar balena (*Rhincondon typus*) huwa pprojbit f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Cabo Verde.

Projbizzjoni tat-tneħħija tal-pinen tal-kelb il-baħar: għandha tkun projbita t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar minn fuq bastimenti, u ż-żamma abbord, it-trażbord u t-tniżżil l-art tal-pinen tal-klieb il-baħar. Mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq, sabiex ikun iffaċilitat il-ħżin abbord, il-pinen tal-kelb il-baħar jistgħu jinqatgħu b'mod parzjali u jintwew għal fuq il-karkassa, iżda ma jistgħux jitneħħew minn mal-karkassa qabel ma din tiġi żbarkata.

b) Trażbord fuq il-baħar:

It-trażbord fuq il-baħar huwa pprojbit. Kull trażbord irid isir fl-ilmijiet ta' port ta' Cabo Verde li jkun awtorizzat għal dan il-għan.

2. Miżuri speċifiċi

SKEDA 1: BASTIMENTI TAT-TONN BIL-QASAB U X-XLIEF

1) Żona tas-sajd: lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi.

2) Irkaptu awtorizzat: il-qasab u x-xlief.

3) Speċijiet fil-mira: it-tonn isfar (*Thunnus albacares*), it-tonn obeż (*Thunnus obesus*) u l-palamit (*Katsuwonus pelamis*).

4) Qabdiet aċċessorji: ħarsien tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u tal-FAO.

5) Lixki ħajjin: Sajd bil-lixka ħajja

Is-sajd bil-lixka għandu jkun limitat għal numru ta' jiem fix-xahar li għandu jiġi stabbilit mill-Kumitat Konġunt. Il-Partijiet għandhom jiftiehmu dwar l-arranġamenti prattiċi sabiex ikun permess is-sajd jew il-ġbir tal-lixka ħajja meħtieġ għall-attivitajiet ta' dawn il-bastimenti ta' din il-kategorija. Meta dawn l-attivitajiet isiru f'żoni sensittivi jew b'irkaptu mhux konvenzjonali, dawn l-arranġamenti għandhom jiġu ddeterminati abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Istitut Xjentifiku ta' Cabo Verde u bi qbil mal-awtoritajiet ta' Cabo Verde.

SKEDA 2: BASTIMENTI TAS-SAJD GĦAT-TONN BIT-TARTARUNI

(1) Żona tas-sajd: lil hinn minn 18-il mil nawtiku mil-linja bażi, filwaqt li titqies in-natura ta' arċipelagu taż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde.

(2) Irkaptu awtorizzat: it-tartaruni.

(3) Speċijiet fil-mira: it-tonn isfar (*Thunnus albacares*), it-tonn obeż (*Thunnus obesus*) u l-palamit (*Katsuwonus pelamis*).

Qabdiet aċċessorji: il-ħarsien tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u tal-FAO.

SKEDA 3: BASTIMENTI TAS-SAJD BIL-KONZ TAL-WIĊĊ

1) Żona tas-sajd: lil hinn minn 18-il mil nawtiku mil-linja bażi.

2) Irkaptu awtorizzat: il-konzijiet tal-wiċċ.

3) Speċijiet fil-mira: il-pixxispad (*Xiphias gladius*), il-ħuta kaħla (*Prionace glauca*), it-tonn isfar (*Thunnus albacares*) u t-tonn obeż (*Thunnus obesus*).

Qabdiet aċċessorji: il-ħarsien tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u tal-FAO.

3. Aġġornament

Iż-żewġ Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex jaġġornaw dawn il-miżuri tekniċi ta' konservazzjoni abbażi tar-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi.

Appendiċi 3

INFORMAZZJONI TA' KUNTATT GĦALL-KOMUNIKAZZJONI SKONT DAN IL-PROTOKOLL

I — Għall-Unjoni:

Il-Kummissjoni Ewropea – id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DĠ MARE)
L-indirizz postali: Rue Joseph II 99 — 1049 Brussell — IL-BELĠJU
Posta elettronika: MARE-B3@ec.europa.eu

Applikazzjoni għal-liċenzji, għall-formoli ta' spezzjoni, għan-notifiki ta' rapporti ta' ksur:
Posta elettronika: MARE-LICENCES@ec.europa.eu

Monitoraġġ tal-qabdiet:
Posta elettronika: MARE-CATCHES@ec.europa.eu

Konnessjoni ERS VMS permezz ta' FLUX:
Posta elettronika: fish-fidesinfo@ec.europa.eu

II — Għal Cabo Verde:

DNPA- DIREÇÃO NACIONAL DE PESCA E AQUACULTURA
Cova de Inglesa (Edifício do Campus do Mar)
C. Postal 132 Mindelo São Vicente República de Cabo Verde
Telefown: + 238 230 00 68 / 986 48 25
Posta elettronika: acordo.dgpescas@dgpescas.gov.cv

COSMAR – CENTRO DE OPERAÇÕES DE SEGURANÇA MARÍTIMA
Antigo Aeroporto da Praia- Achada Grande Frente - Ilha Santiago
República de Cabo Verde
Telefown: + 238 263 10 43
Posta elettronika: cosmar.secretaria@gmail.com

IGP - INSPEÇÃO GERAL DAS PESCAS
Avenida Marginal, Mindelo, República de Cabo Verde
(Edifício do Ex-Comando Naval, Mindelo São Vicente
C. Postal 34 - Telefown: + 238 230 00 85 / 238 516 26 52
238 991 77 84
Posta elettronika:

IMAR - INSTITUTO DO MAR
Cova de Inglesa (Edifício do Campus do Mar)
C. Postal 132 Mindelo São Vicente República de Cabo Verde
Telefown: + 238 232 13 73/74
Posta elettronika: gabinete.cd@imar.gov.cv

APPENDIĊI 4

FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI GĦALL-AWTORIZZAZZJONI GĦAS-SAJD

FTEHIM DWAR IS-SAJD BEJN CABO VERDE U L-UNJONI EWROPEA

I. L-APPLIKANT

1. Isem l-applikant:

2. Isem l-organizzazzjoni tal-produtturi (OP) jew sid il-bastiment:

3. Indirizz tal-organizzazzjoni tal-produtturi jew ta' sid il-bastiment:

4. Numru tat-telefown:
   Numru tal-faks:
   Indirizz tal-posta elettronika

5. Isem il-kaptan:
   Nazzjonalità:
   Indirizz tal-posta elettronika:

6. Isem l-aġent lokali u l-indirizz tiegħu:

II. IDENTIFIKAZZJONI TAL-BASTIMENT

7. Isem il-bastiment:

8. Stat tal-bandiera:
   Port tar-reġistrazzjoni:

9. Immarkar estern:
   MMSI:
   Numru tal-OMI:

10. Data tar-reġistrazzjoni tal-bandiera attwali (JJ/XX/SSSS): …/…/…
    Bandiera ta' qabel (jekk kien hemm):

11. Post tal-kostruzzjoni: Data (JJ/XX/SSSS): …/…/…

12. Frekwenza tas-sejħa bir-radju: HF: VHF:

13. Numru tat-telefown bis-satellita: IRCS

III. KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TAL-BASTIMENT

14. Tul totali tal-bastiment (f'metri):
    Wisa' totali (f'metri):
    Tunnellaġġ (mogħti f'TG skont il-konvenzjoni ta' Londra):

15. Tip ta' magna:
    Qawwa tal-magna (f'kW):

16. Għadd ta' membri tal-ekwipaġġ:

17. Metodu ta' konservazzjoni abbord:
    - ☐ bis-silġ
    - ☐ żamma fil-friġġ
    - ☐ metodu mħallat
    - ☐ żamma fil-friża

18. Kapaċità ta' pproċessar kuljum (fuq 24 siegħa) f'tunnellati:

Għadd ta' stivi għall-ħut:

Kapaċità totali tal-istivi għall-ħut (f'm^3):

19. VMS. Dettalji dwar l-istrument għall-monitoraġġ awtomatiku tal-pożizzjoni:

Manifattur:

Mudell:

Numru tas-serje:

Verżjoni tas-software:

Operatur tas-satellita (MCSP):

IV. ATTIVITÀ TAS-SAJD

20. Irkaptu tas-sajd awtorizzat:

☐ tartaruni tal-borża

☐ konzijiet

☐ qasab u xlief

21. Post fejn isir l-iżbark tal-qabdiet:

22. Perjodu ta' liċenzja mitlub minn (JJ/XX/SSSS) …/…/… sa (JJ/XX/SSSS) …/…/…

Jien, il-firmatarju t'hawn taħt, niċċertifika li l-informazzjoni mogħtija f'din il-formola hija veru u korretta u ġenwina.

Magħmul fi …, nhar il-…/…/…

Firma tal-applikant: …

Appendiċi 4a

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA META SSIR APPLIKAZZJONI GĦAL-LIĊENZJA FIL-QAFAS TAL-PROTOKOLL LI JIMPLIMENTA L-FTEHIM DWAR IS-SAJD BEJN CABO VERDE U L-UNJONI EWROPEA

L-informazzjoni li ġejja relatata mal-applikant, ma' sid il-bastiment, mal-identifikazzjoni tal-bastiment, mad-*data* teknika tiegħu u mal-perjodu kkonċernat għandha tkun obbligatorja, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor:

— Isem l-applikant

— Nru tat-telefown tal-applikant

— Indirizz tal-posta elettronika tal-applikant

— Isem sid il-bastiment

— Indirizz ta' sid il-bastiment

— Isem il-kaptan

— Nazzjonalità tal-kaptan

— Indirizz tal-posta elettronika tal-kaptan

— Isem l-aġent lokali u l-indirizz tiegħu

— Isem il-bastiment

— Stat tal-bandiera

— Port tar-reġistrazzjoni

— L-IRCS

— Immarkar estern

— MMSI

— Nru tal-OMI (fejn dan ikun applikabbli)

— Nru tal-ICCAT

— Data tar-reġistrazzjoni tal-bandiera attwali

— Bandiera ta' qabel (jekk kien hemm)

— Post tal-kostruzzjoni

— Data tal-kostruzzjoni

— Frekwenza tas-sejħa bir-radju

— Numru tat-telefown bis-satellita

— Tul totali (metri)

— Tunnellaġġ (mogħti f'TG skont il-konvenzjoni ta' Londra)

— Tip ta' magna

— Qawwa tal-magna (f'kW)

— Għadd ta' membri tal-ekwipaġġ abbord

— Nazzjonalitajiet tal-membri tal-ekwipaġġ abbord

— Metodu ta' konservazzjoni abbord

— Kapaċità ta' proċessar kuljum (fuq 24 siegħa) f'tunnellati

— Għadd ta' stivi għall-ħut

— Kapaċità totali tal-istivi għall-ħut (f'm^3)

— Manifattur tal-VMS (fakultattiv).

— Mudell tal-VMS (fakultattiv)

— Numru tas-serje tal-VMS (fakultattiv)

— Verżjoni tas-software tal-VMS (fakultattiv)

— Operatur tas-satellita (fakultattiv)

— Irkaptu tas-sajd awtorizzat

— Post fejn isir l-iżbark tal-qabdiet

— Data tal-bidu tal-awtorizzazzjoni mitluba

— Data tat-tmiem tal-awtorizzazzjoni mitluba

Appendiċi 5

LINJI GWIDA TEKNIĊI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAS-SISTEMA TA' MONITORAĠĠTAL-BASTIMENTI (VMS), U TAS-SISTEMA TA' REĠISTRAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD (SISTEMA ERS)

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI GĦAT-TRAŻMISSJONI TAD-*DATA* DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-BASTIMENT U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-VMS MILL-PARTIJIET; IL-KONTINWITÀ TAL-OPERAZZJONIJIET

1. Il-bastimenti tal-Unjoni ma għandhomx jitqiesu li huma f'nuqqas ta' konformità f'każ ta' ħsara teknika fit-trażmissjoni tad-*data* dwar il-pożizzjoni tal-bastiment jew fit-trażmissjoni tad-*data* dwar l-attività tas-sajd ("*data* tal-VMS") bejn iċ-ĊMS ikkonċernati.

2. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu konnessjoni bl-użu tas-software FLUX Transportation Layer ipprovdut mill-Kummissjoni Ewropea u jimplimentaw il-format UN/FLUX. Cabo Verde għandu jiżgura li t-tagħmir elettroniku tiegħu jkun kompatibbli mas-sistema tal-Unjoni.

3. Iż-żewġ Partijiet jimplimentaw ambjent ta' aċċettazzjoni għall-iskop ta' ttestjar, qabel ma jużaw l-ambjent tal-produzzjoni. L-Unjoni tibgħat messaġġi ta' ttestjar liċ-ĊMS ta' Cabo Verde fl-ambjent ta' aċċettazzjoni. Ladarba jkunu għaddew it-testijiet, iż-żewġ Partijiet jaqblu dwar id-data minn meta tintbagħat id-*data* dwar il-pożizzjoni tal-bastiment u d-*data* tal-ERS awtomatikament permezz tas-software FLUX.

4. Sa dik id-data, id-*data* dwar il-pożizzjoni tal-bastiment tal-Unjoni u d-*data* tal-ERS għandhom jitwettqu bl-użu tal-formati u l-arranġamenti diġà fis-seħħ fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

5. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ċ-ĊMS ta' Cabo Verde għandhom jiskambjaw l-indirizzi elettroniċi ta' kuntatt tagħhom u għandhom jgħarrfu minnufih lil xulxin b'kull bidla f'dawn l-indirizzi.

6. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ċ-ĊMS ta' Cabo Verde għandhom jinfurmaw malajr kemm jista' jkun lil xulxin bi kwalunkwe interruzzjoni tal-komunikazzjonijiet awtomatiċi, għandhom jistabbilixxu mill-ġdid il-komunikazzjonijiet awtomatiċi u għandhom jinnotifikaw lill-Parti l-oħra li huma ġew stabbiliti mill-ġdid. Il-Kumitat Konġunt għandu jipprova jsolvi kwalunkwe tilwim li jista' jirriżulta minn dan.

7. Jekk l-interruzzjoni ddum għal aktar minn 24 siegħa, id-*data* għandha tiġi pprovduta miċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera permezz tal-posta elettronika bi frekwenza preskritta fit-Taqsimiet 2 u 3 sakemm jerġgħu jibdew il-komunikazzjonijiet awtomatiċi.

8. Id-*data* affettwata mill-interruzzjoni tiġi rritornata wkoll bl-użu ta' sistemi ta' komunikazzjoni awtomatiċi ladarba tiġi rrestawrata.

9. Kull waħda mill-Partijiet għandha tiżgura l-konsistenza tad-*data*, inkluż l-iżgurar li l-filtri xierqa jiġu integrati fis-sistemi tagħhom u applikati għad-*data* biex jiġi żgurat li tiġi kkunsidrata biss id-*data* relatata mal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde.

TAQSIMA 2

REKWIŻITI TEKNIĊI GĦAT-TRAŻMISSJONI TAD-*DATA* TAL-VMS

1. *Data* dwar il-pożizzjoni tal-bastiment — sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti

   Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jiżgura l-ipproċessar awtomatiku u t-trażmissjoni elettronika tad-*data* dwar il-pożizzjoni tal-bastiment bl-użu tal-konnessjoni ċentralizzata pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea. Id-*data* dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti għandha tiġi rreġistrata b'mod sigur u għandha tinżamm għal perjodu ta' 3 snin mill-Partijiet.

   L-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara d-dħul fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde għandha tiġi identifikata bil-kodiċi "ENT". Il-pożizzjonijiet kollha ta' wara għandhom jiġu identifikati bil-kodiċi "POS", ħlief għall-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara l-ħruġ miż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde, li għandha tiġi identifikata bil-kodiċi "EXI".

2. Trażmissjoni min-naħa tal-bastiment f'każ ta' ħsara fis-sistema ta' sorveljanza tal-bastiment

   Il-bastimenti li jkunu qegħdin jistadu fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde b'sistema ta' sorveljanza tal-bastiment difettuża għandhom jibagħtu l-messaġġi dwar il-pożizzjoni tagħhom permezz ta' ittra elettronika liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera, mill-inqas kull 4 sigħat, u għandhom jipprovdu l-informazzjoni obbligatorja kollha. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jgħarraf liċ-ĊMS ta' Cabo Verde dwar din il-bidla. Id-*data* dwar il-pożizzjoni mbagħad tiġi trażmessa b'din il-frekwenza.

Iċ-ĊMS ta' Cabo Verde għandu jgħarraf liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u lill-Unjoni b'kull interruzzjoni fir-riċezzjoni tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni ta' bastiment li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd, meta l-bastiment ikkonċernat ma jkunx innotifika l-ħruġ tiegħu miż-żona.

F'każ li l-ħsara taffettwa s-sistemi elettroniċi taħt il-kontroll tal-Unjoni, iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jikkomunika kull 24 siegħa l-messaġġi kollha dwar il-pożizzjoni li jkun irċieva liċ-ĊMS ta' Cabo Verde, permezz tal-posta elettronika. Dan l-iskambju jista' jintalab miċ-ĊMS ta' Cabo Verde liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera jekk il-ħsara tikkonċerna s-sistema tiegħu, u minkejja l-isforzi li jkunu saru biex dan jiġi solvut, il-ħsara tippersisti għal aktar minn 48 siegħa.

L-awtoritajiet ta' Cabo Verde għandhom javżaw lis-servizzi ta' kontroll kompetenti tagħhom sabiex il-bastimenti tal-Unjoni ma jitqisux li qegħdin iwettqu ksur minħabba n-nuqqas ta' trażmissjoni tad-*data* tal-pożizzjoni tal-bastimenti.

L-istruttura tal-messaġġi li jikkomunikaw id-*data* dwar il-pożizzjoni tal-bastiment lil Cabo Verde

Data	Kodiċi	Obbligatorju (O) / Fakultattiv (F)	Kontenut
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall dwar is-sistema li jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Destinatarju	AD	O	Dettall dwar il-messaġġ – Il-kodiċi alfa-3 tal-pajjiż destinatarju (ISO-3166)
Speditur	FR	O	Dettall dwar il-messaġġ – Il-kodiċi alfa-3 tal-pajjiż speditur (ISO-3166)
Stat tal-bandiera	FS	O	Dettall dwar il-messaġġ – Il-kodiċi alfa-3 tal-Istat tal-bandiera (ISO-3166)
Tip ta' messaġġ	TM	O	Dettall dwar il-messaġġ – It-tip ta' messaġġ (ENT, POS, EXI, MAN)
Sinjal tas-sejħa bir-radju (IRCS)	RC	O	Dettall dwar il-bastiment – Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment (l-IRCS)
Numru ta' referenza intern tal-Parti kontraenti	IR	F	Dettall dwar il-bastiment – Numru uniku tal-Parti kontraenti, mogħti bħala l-kodiċi Alfa-3 (ISO-3166) segwit min-numru
Identifikatur Uniku tal-Bastiment (numru tal-OMI)	IM	O	*Data* relatata mal-bastiment - numru IMO Obbligatorja jekk il-bastiment ikollu numru bħal dan
Numru tar-reġistrazzjoni estern	XR	O	Dettall dwar il-bastiment – in-numru mmarkat fuq il-ġenb tal-bastiment (ISO 8859.1)
Latitudni	LT	O	Dettalji dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Latitudni tal-pożizzjoni fi gradi deċimali (WGS84) +/-DD.ddd. Numri pożittivi għall-emisferu tat-Tramuntana; valuri negattivi għall-emisferu tan-Nofsinhar. Is-sinjal (+) ma għandux jiġi trażmess. Iż-żerijiet ta' quddiem jistgħu jitħallew barra. Il-valur għandu jkun bejn - 90 u + 90.
Longitudni	LG	O	Dettalji dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Longitudni tal-pożizzjoni fi gradi deċimali (WGS84) +/-DDD.ddd. Numri pożittivi għall-emisferu tat-Tramuntana; valuri negattivi għall-emisferu tan-Nofsinhar. Is-sinjal (+) ma għandux jiġi trażmess. Iż-żerijiet ta' quddiem jistgħu jitħallew barra. Il-valur għandu jkun bejn - 180 u + 180.
Cap	CO	O	Ir-rotta tal-bastiment fuq skala ta' 360º grad

Data	Kodiċi	Obbligatorju (O) / Fakultattiv (F)	Kontenut
Veloċità	SP	O	Il-veloċità tal-bastiment f'wieħed minn kull 10 mili nawtiċi
Data	DA	O	Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – id-data tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni f'UTC (SSSSXXJJ)
Ħin	IT	O	Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Il-ħin tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni f'UTC (SSMM)
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	O	Dettall dwar is-sistema li jindika tmiem ir-reġistrazzjoni

TAQSIMA 3

REKWIŻITI TEKNIĊI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAS-SISTEMA TA' REĠISTRAZZJONI TAS-SAJD U L-KOMUNIKAZZJONI TAS-*DATA* TAL-ERS

1. Meta jkun fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni maħruġa skont dan il-Protokoll għandu:

   a) jirreġistra kull dħul fiż-żona tas-sajd u kull ħruġ minnha permezz ta' messaġġ speċifiku li jkun fih il-kwantitajiet ta' kull speċi li jkunu qed jinżammu abbord fil-mument ta' dan id-dħul fiż-żona tas-sajd jew ta' dan il-ħruġ minnha, kif ukoll id-data, il-ħin u l-pożizzjoni li fihom ikun se jsir dan id-dħul jew dan il-ħruġ. Dan il-messaġġ għandu jintbagħat liċ-ĊMS ta' Cabo Verde permezz tas-sistema ERS jew b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni sa sagħtejn qabel dan id-dħul jew dan il-ħruġ;

   b) jirreġistra l-pożizzjoni tal-bastiment kuljum f'nofsinhar jekk ma tkun twettqet l-ebda attività tas-sajd;

   c) għal kull operazzjoni tas-sajd li tkun twettqet, jirreġistra l-pożizzjoni fejn din tkun twettqet, it-tip ta' rkaptu li jkun intuża u l-kwantitajiet ta' kull speċi maqbuda, u jagħmel distinzjoni bejn il-qabdiet li jkunu nżammu abbord u dawk li jkunu ġew skartati. Kull speċi trid tiġi identifikata bil-kodiċi alfa-3 tal-FAO tagħha, waqt li l-kwantitajiet iridu jingħataw f'kilogrammi ta' piż ħaj, jew jekk ikun meħtieġ, fl-għadd ta' ħut individwali;

   d) jibgħat lill-Istat tal-bandiera tiegħu, kuljum u sa mhux iktar tard minn nofsillejl, id-*data* li tkun ġiet irreġistrata fil-ġurnal elettroniku ta' abbord tas-sajd. Din id-*data* trid tintbagħat għal kull jum li l-bastiment iqatta' fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde, anke jekk ma tkun saret l-ebda qabda. Trid tintbagħat ukoll qabel ma l-bastiment joħroġ miż-żona tas-sajd.

2. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jqiegħed id-*data* dwar l-ERS għad-dispożizzjoni taċ-ĊMS ta' Cabo Verde. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat awtomatikament u mingħajr dewmien il-messaġġi istantanji (il-messaġġi COE, COX u PNO) mis-sistema ERS liċ-ĊMS ta' Cabo Verde. Darba kuljum, dan jibgħat awtomatikament messaġġi tas-sistema ERS oħra mill-bastiment.

3. Sakemm jintemmu l-fażijiet tal-ittestjar previsti fit-Taqsima 1:

   — id-*data* għandha tiġi trażmessa permezz tad-DEH (id-"Data Exchange Highway") fil-format EU-ERS (fil-verżjoni 3.1 tiegħu).

   — in-notifiki tat-trażbord għandhom isiru bil-posta elettronika lill-awtorità kompetenti ta' Cabo Verde

   — il-messaġġi istantanji biss (COE, *qabda mad-dħul*; COX, *qabda mal-ħruġ*; PNO, *notifika minn qabel*) jiġu trażmessi awtomatikament u mingħajr dewmien. It-tipi l-oħra ta' messaġġi huma disponibbli għal talba awtomatika miċ-ĊME ta' Cabo Verde. Minn meta jiġi implimentat b'mod effettiv il-format UN/FLUX, dan l-aħħar mod ta' trażmissjoni għandu jintuża biss għal talbiet speċifiċi għal *data* storika.

4. Id-*data* tiġi trażmessa skont il-format u l-proċessi deskritti fid-dokument ta' implimentazzjoni disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea.

5. Iċ-ĊMS ta' Cabo Verde għandu jikkonferma li rċieva d-*data* istantanja tal-ERS li tkun intbagħtitlu billi jibgħat messaġġ ta' ritorn li fih jikkonferma l-wasla tad-*data* u l-validità tal-messaġġ li huwa rċieva. Ma għandha tintbagħat l-ebda konferma tal-wasla fil-każ tad-*data* li ċ-ĊMS ta' Cabo Verde jirċievi bi tweġiba għal talba li jkun għamel huwa stess.

6. Meta t-trażmissjoni bejn bastiment u ċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera tfalli, iċ-ĊMS għandu jgħarraf lill-kaptan jew lill-operatur tal-bastiment jew lir-rappreżentant jew rappreżentanti tagħhom mingħajr dewmien b'dan. Malli jirċievi din in-notifika, il-kaptan tal-bastiment għandu jibgħat id-*data* li tkun nieqsa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera b'kull mezz xieraq ta' telekomunikazzjoni kuljum sa mhux iktar tard minn nofsillejl.

7. F'każ ta' ħsara fis-sistema ta' trażmissjoni elettronika installata abbord il-bastiment, il-kaptan jew l-operatur tal-bastiment għandhom jiżguraw li l-ħsara tissewwa jew li l-ERS tinbidel fi żmien 10 ijiem minn meta jindunaw bil-ħsara. Ladarba jgħaddi dak il-perjodu, il-bastiment ma jibqax awtorizzat jistad fiż-żona tas-sajd u jkollu joħroġ minn din iż-żona jew jidħol f'port ta' Cabo Verde fi żmien 24 siegħa. Il-bastiment għandu jkun jista' jitlaq minn dak il-port jew jerġa' jidħol fiż-żona tas-sajd biss meta ċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera tiegħu jkun aċċerta ruħu li l-ERS qed terġa' taħdem kif suppost.

8. Jekk iċ-ĊMS ta' Cabo Verde ma jirċevix id-*data* tal-ERS minħabba ħsara fis-sistemi elettroniċi taħt il-kontroll tal-Unjoni, iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jikkomunika liċ-ĊMS ta' Cabo Verde kull 24 siegħa bil-posta elettronika, il-messaġġi tas-sistema ERS kollha riċevuti mill-bastimenti tagħhom matul din il-ħsara.

9. Jekk in-nuqqas ta' trażmissjoni tad-*data* jkun dovut għal ħsara fis-sistemi elettroniċi taħt is-superviżjoni ta' Cabo Verde, iċ-ĊMS ta' Cabo Verde għandu jikkuntattja liċ-ĊMS tal-Istati tal-bandiera u ċ-ĊMS għandu jaqbel dwar l-arranġamenti għat-trażmissjoni mill-ġdid tad-*data* nieqsa. L-Istati tal-bandiera għandhom jittrażmettu mill-ġdid id-*data* f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

10. L-istess proċedura tista' tintuża fuq talba ta' Cabo Verde f'każ ta' operazzjoni ta' manutenzjoni ta' iktar minn 24 siegħa li taffettwa s-sistemi li jkunu taħt il-kontroll tal-Unjoni jew ta' Cabo Verde.

11. Cabo Verde għandu jgħarraf lis-servizzi ta' kontroll kompetenti tiegħu sabiex il-bastimenti tal-Unjoni ma jitqisux li qed jonqsu milli jħarsu l-obbligu tagħhom li jibagħtu d-*data* tal-ERS tagħhom.

Appendiċi 6

IPPROĊESSAR TAD-*DATA* PERSONALI

1. Definizzjonijiet u kamp ta' applikazzjoni

1.1. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Appendiċi, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Ftehim u d-definizzjonijiet li ġejjin:

a. "*data* personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli (is-"suġġett tad-*data*"); titqies bħala identifikabbli l-persuna fiżika li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal identifikatur bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, *data* dwar il-post;

b. "ipproċessar": kwalunkwe attività jew sett ta' attivitajiet li jitwettqu fuq id-*data* personali jew fuq settijiet tad-*data* personali, sew jekk b'mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħall-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, id-divulgazzjoni bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew l-interkonnessjoni, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

c. "awtorità tat-trasferiment": l-awtorità pubblika li tibgħat id-*data* personali;

d. "awtorità destinatarja": l-awtorità pubblika li tirċievi d-*data* personali;

e. "ksur tad-*data*": ksur tas-sigurtà li jwassal għall-qerda, it-telf, l-alterazzjoni, l-id-divulgazzjoni mhux awtorizzata aċċidentali jew illegali tad-*data* personali trażmessa, maħżuna jew ipproċessata b'xi mod ieħor, jew l-aċċess mhux awtorizzat għaliha;

f. "trasferiment ulterjuri": it-trasferiment tad-*data* personali minn parti riċeventi lil entità li ma hijiex parti firmatarja f'dan il-Protokoll ("parti terza");

g. "awtorità ta' kontroll": awtorità pubblika indipendenti responsabbli għas-superviżjoni tal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, sabiex tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali.

1.2. Kamp ta' applikazzjoni

Il-persuni kkonċernati minn dan il-Protokoll huma b'mod partikolari l-persuni fiżiċi li huma sidien ta' bastimenti tas-sajd, ir-rappreżentanti tagħhom, il-kaptan u l-ekwipaġġ li jservu abbord bastimenti tas-sajd li joperaw skont dan il-Protokoll.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għotjiet, il-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, id-*data* li ġejja tista' tiġi skambjata u sussegwentement ipproċessata:

— l-identifikazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-bastiment,

— l-attivitajiet ta' bastiment jew dawk relatati miegħu, il-pożizzjoni u l-movimenti tiegħu, l-attività tas-sajd tiegħu jew l-attività tiegħu marbuta mas-sajd, miġbura permezz ta' kontrolli, spezzjonijiet jew osservaturi,

— id-data dwar is-sid(ien) tal-bastiment jew tar-rappreżentant tiegħu/tagħhom, bħall-isem, in-nazzjonalità, id-dettalji ta' kuntatt professjonali u l-kont bankarju professjonali,

— id-data dwar l-aġent lokali, bħall-isem, in-nazzjonalità u d-dettalji ta' kuntatt professjonali,

— id-data dwar il-kaptani u l-membri tal-ekwipaġġ, bħall-isem, in-nazzjonalità, il-pożizzjoni u, fil-każ tal-kaptan, id-dettalji ta' kuntatt,

— id-data relatata mas-sajjieda imbarkati, bħall-isem, id-dettalji ta' kuntatt, it-taħriġ, iċ-ċertifikat tas-saħħa.

1.3. Awtoritajiet responsabbli

L-awtorità responsabbli għall-ipproċessar tad-*data* hija l-Kummissjoni Ewropea u l-awtorità tal-Istat tal-bandiera għall-Unjoni u l-awtorità tal-Istat tal-bandiera għal Cabo Verde.

2. Salvagwardji għall-protezzjoni tad-*data* personali

2.1. Limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-*data*

Id-*data* personali mitluba u ttrasferita skont dan il-Protokoll hija adegwata, rilevanti u limitati għal dak li huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, jiġifieri għall-ipproċessar tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u għall-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet imwettqa mill-bastimenti tal-UE. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw *data* personali skont dan il-Protokoll biss għall-finijiet speċifiċi stabbiliti fih.

Id-*data* riċevuta mhux se tiġi pproċessata għal skop differenti minn dawk imsemmija fl-ewwel paragrafu, jew se tiġi anonimizzata.

Fuq talba, l-awtorità destinatarja għandha tgħarraf lill-awtorità tat-trasferiment dwar l-użu tad-*data* pprovduta mingħajr dewmien.

2.2. Preċiżjoni

Il-Partijiet għandhom jiżguraw li d-*data* personali ttrasferita skont dan il-Protokoll tkun preċiża, attwali u, fejn xieraq, aġġornata regolarment skont l-għarfien tal-awtorità tat-trasferiment. Jekk waħda mill-Partijiet issib li d-*data* personali trasferita jew riċevuta ma tkunx preċiża, hija għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra mingħajr dewmien u tipproċedi għall-korrezzjonijiet u għall-aġġornamenti meħtieġa.

2.3. Limitazzjoni tal-ħżin

Id-*data* personali ma għandhiex tinżamm għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-objettiv li għalih tkun ġiet skambjata; għandha tinżamm għal massimu ta' sena wara l-iskadenza ta' dan il-Protokoll sakemm id-*data* personali ma tkunx meħtieġa biex tippermetti s-segwitu ta' ksur tal-liġi, spezzjoni jew proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi. F'dan il-każ, id-*data* tista' tinżamm sakemm ikun meħtieġ biex jiġi segwit il-ksur jew l-ispezzjoni jew sal-konklużjoni finali tal-proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi.

Jekk id-*data* personali tinħażen għal żmien itwal, din għandha tiġi anonimizzata.

2.4. Sigurtà u kunfidenzjalità

Id-*data* personali għandha tiġi pproċessata b'tali mod li tiġi żgurata s-sigurtà xierqa tagħha, filwaqt li jitqiesu r-riskji speċifiċi tal-ipproċessar, inkluża l-protezzjoni kontra l-ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra t-telf, il-qerda jew il-ħsara aċċidentali. L-awtoritajiet inkarigati mill-ipproċessar jindirizzaw kull ksur tad-*data* u tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jindirizzaw kwalunkwe effett negattiv ta' ksur ta' *data* personali u jtaffu l-effetti negattivi possibbli tiegħu. L-awtorità destinatarja għandha tinnotifika dan il-ksur lill-awtorità tat-trasferiment malajr kemm jista' jkun u dawn għandhom jikkooperaw kif meħtieġ ma' xulxin b'mod reċiproku u f'waqtu sabiex kull waħda minn dawk l-awtoritajiet tkun tista' tikkonforma mal-obbligi tagħha li jirriżultaw minn ksur tad-*data* personali skont il-qafas legali nazzjonali tagħhom.

Il-Partijiet jintrabtu li jimplimentaw il-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw li l-ipproċessar jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

2.5 Rettifika jew tħassir

Iż-żewġ Partijiet għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tat-trasferiment u destinatarja jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżguraw mingħajr dewmien ir-rettifika jew it-tħassir, kif xieraq, tad-*data* personali meta l-ipproċessar ma jkunx konformi ma' dan il-Protokoll, b'mod partikolari minħabba li din id-*data* ma tkunx adegwata, rilevanti, preċiża jew eċċessiva fir-rigward tal-iskop tal-ipproċessar.

Iż-żewġ Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bi kwalunkwe rettifika jew tħassir.

2.6. Trasparenza

Il-Partijiet għandhom jiżguraw li s-suġġetti tad-*data* jiġu informati, permezz ta' notifika individwali u bil-pubblikazzjoni ta' dan il-ftehim fuq is-siti web tagħhom, dwar il-kategoriji tad-*data* trasferita u pproċessata ulterjorment, dwar il-mod kif tiġi pproċessata d-*data* personali, dwar l-għodda rilevanti użata għat-trasferiment, dwar l-iskop tal-ipproċessar, dwar

il-partijiet terzi jew il-kategoriji ta' partijiet terzi li lilhom l-informazzjoni tista' tiġi ttrasferita sussegwentement, dwar id-drittijiet u l-mekkaniżmi individwali disponibbli biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jiksbu rimedju, kif ukoll dwar id-dettalji ta' kuntatt għall-bidu ta' tilwima jew ilment.

2.7. Trasferiment ulterjuri

L-awtorità destinatarja għandha tittrasferixxi d-*data* personali riċevuta skont dan il-Protokoll lil parti terza stabbilita f'pajjiż oħra għajr l-Istati Membri tal-bandiera biss jekk ikun iġġustifikat minn objettiv importanti ta' interess pubbliku, rikonoxxut ukoll fil-qafas legali applikabbli għall-awtorità tat-trasferiment, u jekk ir-rekwiżiti l-oħra tal-appendiċi (inklużi l-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-*data*) humiex issodisfati; u

a) biss jekk il-pajjiż li fih tinsab il-parti terza jew li fih tibbenefika l-organizzazzjoni internazzjonali minn deċiżjoni ta' adegwatezza adottata mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2016/679 (deċiżjoni ta' adegwatezza) li tkopri t-trasferiment sussegwenti; jew

b) f'każijiet speċifiċi, biss fejn dan it-trasferiment ikun meħtieġ biex l-awtorità tat-trasferiment tissodisfa l-obbligi tagħha lejn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd jew organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd; jew

c) b'mod eċċezzjonali u fejn jitqies meħtieġ, biss jekk il-parti terza tintrabat li tipproċessa d-*data* biss għall-iskop(ijiet) speċifiku/speċifiċi li għalih(om) tiġi sussegwentement ittrasferita u li tħassarha immedjatament ladarba l-ipproċessar ma jibqax meħtieġ għal dan il-għan.

3. Drittijiet tas-suġġetti tad-*data*

3.1. Aċċess għad-*data* personali

Fuq talba ta' persuna kkonċernata, l-awtoritajiet destinatarji għandhom:

a) jikkonfermaw lis-suġġett tad-*data* jekk id-*data* personali dwaru hijiex qiegħda tiġi pproċessata jew le;

b) jipprovdu informazzjoni dwar l-iskop tal-ipproċessar, il-kategoriji tad-*data* personali, il-perjodu ta' żmien (jekk huwa possibbli), id-dritt li tintalab rettifika jew tħassir, id-dritt li jitressaq ilment, eċċ.;

c) jipprovdu kopja tad-*data* personali;

d) jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar il-garanziji applikabbli.

3.2. Korrezzjoni tad-*data* personali

Fuq talba ta' persuna kkonċernata, l-awtorità destinatarja għandha tirrettifika d-*data* personali tagħha li ma tkunx kompluta, ma tkunx preċiża jew tkun skaduta.

3.3. Tħassir tad-*data* personali

Fuq talba ta' persuna kkonċernata, l-awtoritajiet destinatarji għandhom:

a) iħassru d-*data* personali dwarha li tkun ġiet ipproċessata b'mod li ma jkunx konformi mas-salvagwardji stabbiliti f'dan il-Protokoll;

b) iħassru d-*data* personali li tikkonċernaha li ma tkunx għadha meħtieġa għall-iskopijiet li għalihom tkun ġiet ipproċessata legalment.

c) iwaqqfu l-ipproċessar tad-*data* personali jekk is-suġġett tad-*data* joġġezzjona għaliha għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet leġittimi konvinċenti għall-ipproċessar li jegħlbu l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data*.

3.4. Regoli dettaljati

L-awtorità destinatarja għandha twieġeb fi żmien raġonevoli u f'waqtha, u fi kwalunkwe każ, mhux iktar tard minn xahar mit-talba, għal talba minn persuna kkonċernata dwar l-aċċess għad-*data* personali tagħha, jew ir-rettifika u t-tħassir tagħha. L-awtorità destinatarja tista' tieħu miżuri xierqa, bħall-ġbir tal-kostijiet raġonevoli biex ikopru l-kostijiet amministrattivi jew ir-rifjut li tiġi ssodisfata talba ċarament infondata jew eċċessiva.

Fil-każ ta' tweġiba negattiva għal talba minn persuna kkonċernata, din tal-aħħar trid tiġi infurmata mill-awtorità destinatarja bir-raġunijiet għar-rifjut.

3.5. Restrizzjonijiet

Id-drittijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jkunu limitati jekk din il-limitazzjoni tkun prevista mil-liġi u tkun meħtieġa u proporzjonata f'soċjetà demokratika għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni, għas-sejbien u għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

Dawn id-drittijiet jistgħu jkunu limitati wkoll biex jiżguraw kompitu ta' kontroll, ta' spezzjoni jew regolatorju marbut, anke kultant, mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika.

Bl-istess kundizzjonijiet, dawn jistgħu jkunu limitati wkoll għall-protezzjoni tal-persuna kkonċernata jew għad-drittijiet u għal-libertajiet ta' oħrajn.

4. Appell u kontroll indipendenti

4.1 Kontroll indipendenti

Il-konformità tal-ipproċessar tad-*data* personali ma' dan il-Protokoll għandha tkun soġġetta għal kontroll indipendenti minn korp estern jew intern li jeżerċita kontroll indipendenti u li jkollu setgħat ta' investigazzjoni u ta' appell.

4.2 Awtoritajiet ta' kontroll

Għall-Unjoni, dan il-kontroll għandu jiġi eżerċitat mill-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-*data* (EDPS), meta l-ipproċessar jaqa' taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE fejn l-ipproċessar jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istat Membru tal-bandiera.

Għal Cabo Verde, huwa kompetenti s-CNPD.

L-awtoritajiet imsemmija hawn fuq se jittrattaw u jsolvu b'mod effettiv u f'waqtu l-ilmenti mis-suġġetti tad-*data* rigward l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom skont dan il-Protokoll.

4.3 Dritt għal rimedju

Kull Parti għandha tiżgura li, fl-ordni legali tagħha, persuna kkonċernata li tqis li awtorità ma ħarsitx is-salvagwardji stabbiliti fl-Artikolu 12 u f'dan l-Appendiċi, jew li tqis li jkun sar ksur fir-rigward tad-*data* personali tagħha, tista' tfittex rimedju kontra dik l-awtorità sa fejn ikun permess mid-dispożizzjonijiet legali applikabbli quddiem qorti jew korp ekwivalenti.

B'mod partikolari, kwalunkwe lment kontra kwalunkwe awtorità jista' jiġi indirizzat lill-EDPS, fil-każ tal-Kummissjoni Ewropea, u lis-CNPD, fil-każ ta' Cabo Verde. Barra minn hekk, ċerti lmenti kontra kwalunkwe awtorità jistgħu jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-każ tal-Kummissjoni Ewropea, u quddiem il-qrati ta' Cabo Verde.

Fil-każ ta' tilwima jew ilment ippreżentati minn persuna kkonċernata mill-ipproċessar tad-*data* personali tagħha kontra l-awtorità tat-trasferiment, l-awtorità destinatarja jew iż-żewġ awtoritajiet, l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar dawn it-tilwim jew ilmenti u għandhom jagħmlu kull sforz biex isolvu t-tilwima jew l-ilment b'mod amikevoli kemm jista' jkun malajr.

4.4 *Data* dwar il-Partijiet

Il-Partijiet għandhom iżommu lil xulxin infurmati dwar l-ilmenti li jirċievu dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont dan il-Protokoll u dwar ir-regolamenti tagħhom.

5. Rieżami

Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il-bidliet fil-leġiżlazzjoni tagħhom li jaffettwaw l-ipproċessar tad-*data* personali. Kull Parti għandha twettaq rieżamijiet perjodiċi tal-politiki u tal-proċeduri tagħha stess li jimplimentaw l-Artikolu 12 u dan l-Appendiċi u l-effettività tagħhom u, fuq talba raġonevoli minn Parti, il-Parti l-oħra għandha tirrevedi l-politiki u l-proċeduri tagħha għall-ipproċessar tad-*data* personali biex tivverifika u tikkonferma li s-salvagwardji previsti fl-Artikolu 12 u f'dan l-Appendiċi huma implimentati b'mod effettiv. Ir-riżultati tar-rieżami se jiġu kkomunikati lill-Parti rikjedenti.

Fejn applikabbli, huma għandhom jaqblu fil-Kumitat Konġunt dwar il-bidliet li huma meħtieġa li jsiru f'dan l-Anness.

6. Sospensjoni tat-trasferiment

Il-Parti li tittrasferixxi tista' tissospendi jew ittemm it-trasferiment tad-*data* personali fejn il-Partijiet jonqsu milli jsolvu b'mod amikevoli tilwim dwar l-ipproċessar tad-*data* personali f'konformità ma' dan l-Appendiċi sakemm tqis li l-kwistjoni ġiet solvuta għas-sodisfazzjon tal-Parti riċeventi. Id-*data* diġà ttrasferita għandha tkompli tiġi pproċessata f'konformità ma' dan l-Appendiċi.